



Werrej

#### II Atti mhux leġiżlattivi

#### REGOLAMENTI

- ★ **Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/1229 tal-25 ta' Mejju 2018 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji dwar id-dixxiplina tas-saldu <sup>(1)</sup> ..... 1**

<sup>(1)</sup> Test b'rilevanza għaż-ŻEE.



## II

(Atti mhux leġislattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/1229

tal-25 ta' Mejju 2018

li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji dwar id-dixxiplina tas-saldu

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar titjib fis-saldu tat-titoli fl-Unjoni Ewropea u dwar depożitorji ċentrali tat-titoli u li jemenda d-Direttivi 98/26/KE u 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 236/2012 <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Arikolu 6(5) u l-Artikoli 7(15) tiegħu,

Billi:

- (1) Id-dispożizzjonijiet f'dan ir-Regolament huma marbuta mill-qrib, peress li jittrattaw il-miżuri għall-prevenzjoni u l-indirizzar ta' fallimenti ta' saldu u għall-promozzjoni tad-dixxiplina tas-saldu, permezz tal-monitoraġġ tal-fallimenti tas-saldu u tal-ġbir u tat-tqassim ta' penali f'kontanti għal fallimenti tas-saldu u billi jispeċifikaw id-dettalji operattivi tal-proċess tax-xiri sfurzati. Biex tiġi żgurata koerenza bejn dawk id-dispożizzjonijiet, u biex tiġi ffaċilitata perspettiva komprensiva tagħhom u aċċess kompatt għalihom mill-persuni soġġetti għall-obbligi, huwa l-każ li jiġu inklużi f'Regolament wieħed.
- (2) Fid-dawl tan-natura globali tas-swieq finanzjarji, jenħtieġ li tingħata attenzjoni xierqa lill-Prinċipji għal Infrastrutturi tas-Suq Finanzjarju li nħarġu mill-Kumitat dwar is-Sistemi tal-Pagamenti u s-Saldu u l-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kummissjonijiet tat-Titoli ("Prinċipji CPSS-IOSCO") f'April 2012 u li jservu bħala referenza globali għal rekwiżiti regolatorji għad-depożitorji ċentrali tat-titoli ("CSDs"). Jenħtieġ li jitqiesu wkoll ir-Rakkomandazzjonijiet għas-Sistemi ta' Saldu tat-Titoli, maħruġa mill-Kumitat dwar is-Sistemi tal-Pagamenti u s-Saldu u l-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kummissjonijiet tat-Titoli, li jkopru l-konferma tan-negozju, iċ-ċikli tas-saldu, u s-self ta' titoli.
- (3) Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni konsistenti tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 u biex jiġu speċifikati t-termini tekniċi meħtieġa għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu definiti għadd ta' termini.
- (4) Id-ditti tal-investimenti jenħtieġ li jiżguraw li għandhom l-informazzjoni kollha meħtieġa dwar is-saldu fil-ħin biex jippermettu saldu effettiv u effiċjenti tat-tranżazzjonijiet. B'mod partikolari, id-ditti tal-investment li ma jkollhomx l-informazzjoni meħtieġa dwar is-saldu jenħtieġ li jikkomunikaw mal-klijenti tagħhom sabiex jiksbu l-informazzjoni rilevanti għal saldu effiċjenti, inkluża d-data standardizzata meħtieġa għall-proċess tas-saldu.
- (5) L-ipproċessar dirett (straight-through processing - 'STP') għandu jkun imħeġġeġ, peress li l-użu fis-suq kollu tal-STP huwa essenzjali kemm biex jinżammu rati għoljin ta' saldu fl-istess waqt li jiżdiedu l-volumi kif ukoll biex jiġi żgurat saldu f'waqtu tan-negozju transfruntier. Barra minn hekk, kemm il-parteċipanti fis-suq diretti kif ukoll

<sup>(1)</sup> ĠUL 257, 28.8.2014, p. 1.

dawk indiretti jenħtieġ li jkollhom stabbilita l-awtomatizzazzjoni interna meħtieġa biex jieħdu vantaġġ sħiħ mis-soluzzjonijiet disponibbli ta' STP. F'dan ir-rigward, id-ditti tal-investment jenħtieġ li joffru lill-klijenti professjonali tagħhom il-possibbiltà li jibagħtu d-dettalji dwar il-konfermi u l-allokazzjonijiet b'mod elettroniku, b'mod partikolari billi jużaw il-proċeduri u standards ta' komunikazzjoni miftuħa u internazzjonali sabiex jintbagħtu l-messaġġi u d-data ta' referenza. Barra minn hekk, is-CSDs jenħtieġ li jiffaċilitaw l-STP u, meta jipproċessaw l-istruzzjonijiet ta' saldu, jenħtieġ li jużaw proċessi mfassla biex jaħdmu awtomatikament fuq bażi awtomatizzata.

- (6) Is-CSDs jenħtieġ li joffru possibbiltajiet ta' tqabbil matul il-ġurnata sabiex jipromwovu s-saldu qabel id-data tas-saldu ppjanata.
- (7) Is-CSDs jenħtieġ li jesiġu li l-parteċipanti fis-sistemi ta' saldu tat-titoli tagħhom jużaw lista ta' oqsma ta' tqabbil obbligatorji għat-tqabbil ta' struzzjonijiet ta' saldu sabiex jiffaċilitaw is-saldu u jiżguraw konsistenza fost is-sistemi ta' saldu tat-titoli.
- (8) Is-CSDs jenħtieġ li jkollhom funzjonalitajiet, politiki u proċeduri tas-sistemi sodi u effiċjenti li jippermettulhom jiffaċilitaw u jinċentivaw is-saldu fid-data tas-saldu ppjanata.
- (9) Is-CSDs jenħtieġ li jipprovdu lill-parteċipanti aċċess fil-ħin reali għall-informazzjoni dwar l-istatus tal-istruzzjonijiet tas-saldu tagħhom fis-sistemi ta' saldu tat-titoli li jħaddmu sabiex iħeġġu u jinċentivaw is-saldu f'waqtu minn dawk il-parteċipanti.
- (10) Is-CSDs jenħtieġ li joffru saldu gross fil-ħin reali lill-parteċipanti fis-sistemi ta' saldu tat-titoli tagħhom, jew tal-inqas bosta possibbiltajiet ta' saldu kuljum matul kull jum ta' negozju sabiex iwettqu s-saldu finali fl-istess ġurnata.
- (11) L-obbligu tas-CSDs li jkollhom funzjonalitajiet tas-sistema jenħtieġ li jiddependi fuq l-effiċjenza tas-saldu ta' dawk is-CSDs. Għaldaqstant ċerti funzjonalitajiet tas-sistema ma jenħtieġ li ma jkunux obbligatorji jekk il-valur u r-rata tal-fallimenti tas-saldu fis-sistema ta' saldu tat-titoli mħaddma minn CSD ma jkunux jaqbuza ċerti limiti prestabbiliti.
- (12) Is-CSDs jenħtieġ li jużaw metodoloġija armonizzata sabiex jirrapportaw il-fallimenti tas-saldu lill-awtoritajiet kompetenti u lill-awtoritajiet rilevanti, biex jiġi ffaċilitat il-monitoraġġ tal-fallimenti tas-saldu. Dik il-metodoloġija jenħtieġ li tkopri lista komuni ta' entrati li jridu jiġu rrapportati kif ukoll il-frekwenza tar-rapporti li għandhom jintbagħtu. L-istruzzjonijiet tas-saldu mdaħħla fis-sistema ta' saldu tat-titoli mħaddma mis-CSDs jenħtieġ li jkunu mmonitorjati kuljum sakemm jitħallsu jew jitħassru.
- (13) Is-CSDs jenħtieġ li jistabbilixxu arranġamenti ta' ħidma mal-parteċipanti li jkollhom l-oġġla rati ta' fallimenti ta' saldu, kif ukoll ma' kontropartijiet ċentrali rilevanti ("CCPs") u ma' ċentri ta' negozju, jekk fattibbli, sabiex jidentifikaw ir-raġunijiet ewlenin għall-fallimenti tas-saldu.
- (14) Is-CSDs jenħtieġ li jibagħtu rapporti kull xahar dwar il-fallimenti tas-saldu lill-awtoritajiet kompetenti u lill-awtoritajiet rilevanti tagħhom. L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jkunu intitolati wkoll li jitolbu informazzjoni addizzjonali dwar il-fallimenti tas-saldu jew rapportar aktar frekwenti skont il-ħtieġa biex ikunu jistgħu jwettqu l-kompiti tagħhom. L-awtoritajiet kompetenti li jagħmlu t-talba jenħtieġ li jgħaddu din l-informazzjoni addizzjonali jew dawn ir-rapporti lill-awtoritajiet rilevanti mingħajr dewmien.
- (15) Biex tiġi promossa t-trasparenza u ffaċilitata l-komparabilità tal-fallimenti tas-saldu fl-Unjoni, is-CSDs jenħtieġ li jużaw mudell wieħed għall-iżvelar tad-data dwar il-fallimenti tas-saldu lill-pubbliku inġenerali.
- (16) Biex tiġi żgurata l-applikazzjoni konsistenti tar-rekwiżiti dwar id-dixxiplina tas-saldu għas-CSDs, jenħtieġ li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet dettaljati dwar l-identifikazzjoni tat-tranżazzjonijiet kollha li jibqgħu ma jitħallsux wara d-data ppjanata tas-saldu, l-implimentazzjoni tal-proċess tax-xiri sfurzat fejn applikabbli, u l-applikazzjoni tal-mekkaniżmi ta' penali stabbiliti minn CSD, inkluż il-ħin tal-kalkolu u l-ġbir u t-tqassim tal-penali f'kontanti.
- (17) Ir-regoli rigward il-proċessi għall-ġbir u t-tqassim tal-penali f'kontanti għall-fallimenti tas-saldu jenħtieġ li jkunu applikati f'koerenza mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/389 <sup>(1)</sup>.

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/389 tal-11 ta' Novembru 2016 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-parametri għall-kalkolu ta' penali fi flus għal fallimenti tas-saldu u l-operazzjonijiet tas-CSDs fi Stati Membri ospitanti (ĠU L 65, 10.3.2017, p. 1).

- (18) Biex jiġi żgurat li l-penali f'kontanti għall-fallimenti tas-saldu jiġu applikati b'mod konsistenti, is-CSDs jenħtieġ li jimponu, jiġbru u jqassmu l-penali f'kontanti fuq bażi regolari u tal-inqas darba fix-xahar. Barra minn hekk, biex jiġi żgurat li l-profil tar-riskju tagħhom ma jkunx affettwat mit-tħaddim tal-mekkaniżmu tal-penali, inkluż meta l-penali ma jitħallsux kif meħtieġ mill-parteċipanti inadempjenti, is-CSDs jenħtieġ li jkunu responsabbli biss għall-impożizzjoni, il-ġbir u t-qassim ta' dawk il-penali f'kontanti. Peress li parteċipant jista' jaġixxi wkoll bħala aġent għall-klijenti tiegħu, is-CSDs jenħtieġ li jipprovdu dettalji suffiċjenti dwar il-kalkolu tal-penali lill-parteċipanti biex dawn ikunu jistgħu jirkupraw il-penali f'kontanti mingħand il-klijenti tagħhom.
- (19) Huwa importanti li l-penali f'kontanti miġbura f'każ ta' falliment tas-saldu ma tkunx tikkostitwixxi sors ta' dħul għas-CSDs. Għaldaqstant il-penali f'kontanti jenħtieġ li titħallas f'kont separat tas-CSD, li jenħtieġ li jintuża esklusivament għall-ġbir u t-qassim ta' dawn il-penali. Il-penali miġbura jenħtieġ li ma jintużawx sabiex jiffinanzjaw l-implimentazzjoni, iż-żamma jew it-tħaddim tal-mekkaniżmu tal-penali.
- (20) F'ċerti każijiet, tranżazzjoni tista' tkun parti minn katina ta' tranżazzjonijiet u f'dan il-każ struzzjoni ta' saldu tista' tiddependi fuq oħra u s-saldu ta' struzzjoni jista' jippermetti s-saldu ta' diversi struzzjonijiet f'dik il-katina. Għaldaqstant il-falliment ta' struzzjoni ta' saldu waħda jista' jkollu effetti mhux mixtieqa, li jirriżultaw fil-falliment ta' struzzjonijiet ta' saldu sussegwenti.
- (21) Biex jiġi limitat l-għadd ta' trasferimenti ta' kontanti, is-CSDs jenħtieġ għalhekk li, jnaqqsu l-ammont dovut lill-parteċipanti mill-ammont li għandu jitħallas minn dawk il-parteċipanti u jenħtieġ li jiżguraw li l-ammont sħiħ tal-penali f'kontanti jitqassam kif xieraq fil-katina tas-saldu lil dawk il-parteċipanti li sofrew minħabba l-falliment tas-saldu. Is-CSDs jenħtieġ li jipprovdu informazzjoni suffiċjenti lill-parteċipanti dwar il-kalkolu tal-ammonti li għandhom jirċievu biex dawk il-parteċipanti jkunu jistgħu jittrasferixxu l-ammonti dovuti lill-klijenti tagħhom, fejn xieraq.
- (22) Il-mekkaniżmu tal-penali jenħtieġ li japplika għat-tranżazzjonijiet kollha falluti, inklużi t-tranżazzjonijiet ikklerjati. Madankollu, meta l-parteċipant inadempjenti huwa CCP, il-penali ma jenħtieġ li ma tkunx dovuta minn dik is-CCP, iżda mill-membri tal-ikklerjar rilevanti li kkawża l-falliment tas-saldu. Għal dan il-għan, is-CSDs jenħtieġ li jipprovdu lis-CCPs l-informazzjoni kollha meħtieġa dwar il-falliment tas-saldu u l-kalkolu tal-penali sabiex is-CCPs ikunu jistgħu jimponu penali fuq il-membri tal-ikklerjar rilevanti u jqassmu l-ammont miġbur lill-membri tal-ikklerjar li sofra mill-falliment tas-saldu sussegwenti fuq l-istess strumenti finanzjarji.
- (23) Is-CSDs li jużaw infrastruttura tas-saldu komuni jenħtieġ li jaħdmu mill-qrib flimkien sabiex jiżguraw l-implimentazzjoni xierqa tal-mekkaniżmu tal-penali.
- (24) Il-proċess tax-xiri sfurzat għandu jiġi armonizzat biex jiġi appoġġjat suq integrat għas-saldu tat-titoli. Minħabba l-importanza li jiġu inċentivati l-azzjonijiet f'waqthom biex jiġu indirizzati l-fallimenti tas-saldu, huwa importanti li l-partijiet kollha involuti rilevanti jinżammu informati waqt il-proċess tax-xiri sfurzat.
- (25) Struzzjoni ta' saldu tista' tfalli għall-istrumenti finanzjarji kollha inklużi f'dik l-istruzzjoni, anki jekk ċerti strumenti finanzjarji jkunu disponibbli għall-konsenja fil-kont tal-parteċipant inadempjenti. L-iskop ta' proċess ta' xiri sfurzat huwa li tittejjeb l-effiċjenza tas-saldu. Biex jiġi illimitat l-għadd ta' xiri sfurzat, proċess ta' xiri sfurzat jenħtieġ li jkun soġġett għall-applikazzjoni obbligatorja ta' saldu parzjali għall-istruzzjoni ta' saldu rilevanti.
- (26) Saldu parzjali obbligatorju fl-aħħar jum ta' negozju tal-perjodu ta' estensjoni msemmi fl-Artikolu 7(3) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 joħloq il-bilanċ ġust bejn id-drittijiet tax-xerrej li jirċievu l-istrumenti finanzjarji mixtrija u l-ħtieġa li jitnaqqas l-għadd ta' strumenti finanzjarji soġġett għal xiri sfurzat. Għaldaqstant kull strument finanzjarju mixtri jenħtieġ li jitwassal lix-xerrej, anki jekk l-għadd ta' strumenti finanzjarji mixtrija ma jippermettix is-saldu sħiħ tal-istruzzjoni ta' saldu rilevanti.
- (27) Is-saldu parzjali obbligatorju jenħtieġ li ma japplikax għall-istruzzjonijiet ta' saldu li ġew posposti minn parteċipant, peress li l-istrumenti finanzjarji rilevanti fil-kont rispettiv jistgħu ma jkunux jappartjenu għall-klijent li għalih iddaħħlet l-istruzzjoni ta' saldu fis-sistema ta' saldu tat-titoli.
- (28) Biex tiġi żgurata l-konformità mal-obbligi stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 909/2014, il-partijiet kollha fil-katina tas-saldu jenħtieġ li jkollhom arranġamenti kuntrattwali mal-kontropartijiet rilevanti tagħhom li fihom l-obbligi ta' proċess ta' xiri sfurzat u li huma infurzabbli fil-ġurisdizzjonijiet rilevanti kollha.

- (29) Sabiex titjeb l-effiċjenza tas-saldu, l-ewwel jenħtieġ li dejjem jiġi vverifikat jekk proċess ta' xiri sfurzat huwiex possibbli fir-rigward tat-tranżazzjonijiet rilevanti u l-partijiet għalihom.
- (30) L-entitajiet kollha involuti fil-proċess ta' xiri sfurzat jenħtieġ li jiġu informati dwar l-istatus tal-proċess tax-xiri sfurzat f'punti ta' żmien ewlenin. L-informazzjoni jenħtieġ li tkun skambjata permezz ta' notifika biex l-entitajiet involuti jkunu avżati dwar l-istatus tal-azzjonijiet biex isaldaw it-tranżazzjoni u jieħdu aktar azzjoni skont il-ħtieġa.
- (31) Għat-tranżazzjonijiet li mhumiex ikklerjati minn CCP, sabiex jiġi stabbilit proċess ta' xiri sfurzat effiċjenti u biex jiġi evitat li partijiet oħra fil-katina tas-saldu jew parteċipanti jsiru responsabbli għall-obbligi kkuntrattati mill-membri taċ-ċentru tan-negożjar jew minn partijiet għan-negożju, u sabiex ma jiżdedx il-profil tar-riskju tas-CSDs jew taċ-ċentri tan-negożjar, il-partijiet li oriġinarjament ikkonkludew it-tranżazzjoni rilevanti jenħtieġ li jkunu responsabbli għall-eżekuzzjoni tax-xiri sfurzat.
- (32) Fir-rigward tas-saldu ta' tranżazzjoni ta' titoli, il-partiċipanti jaġixxu f'isimhom stess jew idaħħlu struzzjonijiet ta' saldu fis-sistema ta' saldu tat-titoli mħaddma minn CSD fuq talba tal-klijenti tagħhom. Dawk il-klijenti jistgħu jkunu CCP u l-membri tal-ikklerjar tagħha, il-membri ta' ċentru tan-negożjar jew, meta t-tranżazzjoni mhijiex eżegwita f'ċentru tan-negożjar, il-partijiet għan-negożju. Għaldaqstant xiri sfurzat jenħtieġ li jsir fil-livell fejn inħolqu l-obbligi kuntrattwali għax-xiri u l-bejgħ ta' titoli.
- (33) Minħabba li l-aġent tax-xiri sfurzat jenħtieġ li jaġixxi fuq talba ta' parti li ma ġġorrx l-ispejjeż relatati mal-intervent tal-aġent tax-xiri sfurzat, l-aġent tax-xiri sfurzat jenħtieġ li jaġixxi skont l-aħjar rekwiżiti ta' eżekuzzjoni u jħares l-interessi tal-membri tal-ikklerjar inadempjenti, il-membri taċ-ċentru tan-negożjar jew il-parti għan-negożju.
- (34) Biex jitnaqqas l-għadd ta' xiri sfurzat u biex tinżamm il-likwidità tas-suq għall-istrumenti finanzjarji rilevanti, il-membri tal-ikklerjar inadempjenti, il-membri taċ-ċentru tan-negożjar inadempjenti jew il-parti għan-negożju inadempjenti, skont il-każ, jenħtieġ li jitħallew jwasslu strumenti finanzjarji lis-CCP, lill-membri taċ-ċentru tan-negożjar riċeventi jew il-partijiet għan-negożju riċeventi permezz tal-partiċipanti tagħhom sakemm jiġu informati li l-aġent tax-xiri sfurzat inġat jew li tnieda rkant. Minn dak il-ħin, dawk il-partijiet jenħtieġ li jkunu jistgħu jieħdu sehem biss fl-irkant tal-istrumenti finanzjarji jew li jwassluhom lill-aġent tax-xiri sfurzat, soġġett għall-approvazzjoni preċedenti tiegħu, biex jiġi evitat li l-membri tal-ikklerjar riċeventi, il-membri taċ-ċentru tan-negożjar riċeventi jew il-parti għan-negożju riċeventi jirċievi l-istrumenti finanzjarji darbtejn. Meta tranżazzjoni tkun parti minn katina ta' tranżazzjonijiet u tista' tirriżulta fi struzzjonijiet ta' saldu differenti, il-partijiet involuti fil-proċess tax-xiri sfurzat jistgħu wkoll jillimitaw l-għadd ta' xiri sfurzat billi jikkoordinaw l-azzjonijiet tagħhom bejniethom, u jinformaw lis-CSD dwarhom.
- (35) It-tranżazzjonijiet li ma jiġux ikklerjati minn CCP ġeneralment ma jkunux kollateralizzati u għaldaqstant kull membru taċ-ċentru tan-negożjar jew parti għan-negożju jgħorru r-riskju tal-kontroparti. Iċ-ċaqliq ta' dan ir-riskju fuq entitajiet oħrajn bħall-partiċipanti tagħhom, iġiegħel lil dawn ikopru l-esponiment tagħhom għar-riskju tal-kontroparti b'kollateral. Dan jista' jwassal għal żieda sproporzjonata tal-ispejjeż ta' saldu tat-titoli. Il-membri tal-ikklerjar inadempjenti, il-membri taċ-ċentru tan-negożjar inadempjenti jew il-parti għan-negożju inadempjenti, skont il-każ, jenħtieġ li għalhekk igħorru r-responsabbiltà tal-ħlas tal-ispejjeż tax-xiri sfurzat, l-ewwel fosthom id-differenza fil-prezz u l-kumpens f'kontanti. Meta l-membri taċ-ċentru tan-negożjar inadempjenti jew il-parti għan-negożju inadempjenti ma jikkonformawx mal-obbligu tagħhom li jħallsu dawk l-ammonti, il-partiċipant tagħhom, bħala l-partiċipant inadempjenti, jenħtieġ li, madankollu, ikopri l-ispejjeż tax-xiri sfurzat u d-differenza fil-prezz iżda mhux il-kumpens f'kontanti.
- (36) L-obbligi ta' twassil ta' strumenti finanzjarji mixtrija jew il-ħlas ta' kumpens f'kontanti jew ta' kwalunkwe differenza fil-prezz fl-istrumenti finanzjarji soġġetti għal xiri sfurzat fl-aħħar mill-aħħar jenħtieġ li jitwettqu meta s-CCP, il-membri taċ-ċentru tan-negożjar riċeventi jew il-partijiet għan-negożju riċeventi jirċievu l-istrumenti finanzjarji rilevanti permezz tal-partiċipanti tagħhom.
- (37) Meta x-xiri sfurzat ifalli u fin-nuqqas ta' komunikazzjoni espressa dwar jekk il-perjodu ta' xiri sfurzat għandux jiġi estiż fil-perjodu ta' żmien preskritt, jenħtieġ li jitħallas kumpens f'kontanti biex jiġu mħarsa l-interessi tal-partijiet u tiġi evitata kwalunkwe inċertezza li tirriżulta mix-xiri sfurzat fallut.
- (38) Biex tiġi evitata l-kumplessità u jiġu protetti s-CCP, il-membri taċ-ċentru tan-negożjar riċeventi jew il-parti għan-negożju riċeventi, l-istrumenti finanzjarji mixtrija jenħtieġ li jitwasslu lis-CCP, lill-membri taċ-ċentru tan-negożjar riċeventi jew lill-parti għan-negożju riċeventi permezz tal-partiċipant riċeventi rilevanti pjuttost milli permezz tal-partiċipant inadempjenti. L-istruzzjoni ta' saldu inizjali li tkun skattat il-proċess ta' xiri sfurzat jenħtieġ li tiġi posposta u eventwalment imħassra għall-istess raġunijiet.

- (39) Biex il-penali għall-fallimenti tas-saldu jiġu kkalkulati u applikati kif xieraq wara li jintemm il-perjodu ta' estensjoni, l-istruzzjonijiet ta' saldu rilevanti jenħtieġ li jitħassru u jiġu sostitwiti bi struzzjonijiet ta' saldu ġodda f'kull jum ta' negozju li fih is-CCPs, il-membri taċ-ċentru tan-negozjar jew il-parti għan-negozju jirċievu strumenti finanzjarji, permezz tal-parteċipanti tagħhom, minħabba t-twettiq ta' xiri sfurzati. Il-penali f'kontanti jenħtieġ li japplikaw għal kull struzzjoni ta' saldu għada mill-jum li jiddaħħlu fis-sistema ta' saldu tat-titoli.
- (40) Biex jiġi żgurat funzjonament bla xkiel tas-sistemi ta' saldu tat-titoli mħaddma mis-CSDs, u biex tiġi żgurata ċ-ċertezza tal-iskeda ta' żmien għall-proċess ta' xiri sfurzati u għall-ħlas tal-penali f'kontanti għall-fallimenti tas-saldu, l-istruzzjonijiet ta' saldu li jfallu jenħtieġ li jitħassru mal-konsenja tal-istrumenti finanzjarji jew, jekk ma jitwasslux, mal-ħlas tal-kumpens f'kontanti, jew mhux aktar tard mit-tieni jum ta' negozju wara n-notifika tal-ammont ta' kumpens f'kontanti dovut.
- (41) Meta l-prezz tal-istrumenti finanzjarji miftiehem waqt in-negozju jkun aktar baxx mill-prezz imħallas fl-eżekuzzjoni tax-xiri sfurzati, id-differenza fil-prezz jenħtieġ li titħallas mill-membri tal-ikklerjar, il-membri taċ-ċentru tan-negozjar jew il-parti għan-negozju inadempjenti, skont il-każ, biex jiġu mħarsa l-interessi tal-partijiet riċeventi. Meta l-prezz tal-istrumenti finanzjarji miftiehem waqt in-negozju jkun oġġha mill-prezz imħallas fl-eżekuzzjoni ta' dak ix-xiri sfurzati, l-obbligu tal-parteċipant inadempjenti msemmi fl-Artikolu 7(6) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 jenħtieġ li jitqies issodisfat minħabba li l-membri tal-ikklerjar, il-membri taċ-ċentru tan-negozjar jew il-partijiet għan-negozju riċeventi qegħdin effettivament iħallsu għall-istrumenti finanzjarji mixtrija.
- (42) Proċess ta' saldu effiċjenti jesiġi li l-perjodu ta' estensjoni, li jseħħ qabel it-tnedija tal-proċess ta' xiri sfurzati, jiġi adattat għat-tipi ta' assi u għal-likwidità tal-istrumenti finanzjarji. Meta s-suq għall-ishma huwa likwidu biżżejjed li jinstab faċilment, il-perjodu ta' estensjoni qabel it-tnedija tal-proċess ta' xiri sfurzati jenħtieġ li ma jkunx estiż biex il-partijiet rilevanti jkunu iċċentivati jsaldaw it-tranżazzjonijiet f'waqthom. Madankollu l-ishma li ma għandhomx suq likwidu jenħtieġ li jibbenefikaw minn perjodu ta' estensjoni itwal. L-istrumenti ta' dejn jenħtieġ li ukoll jibbenefikaw minn perjodu ta' estensjoni itwal, minħabba d-dimensjoni transfruntiera akbar tagħhom u l-importanza tagħhom għall-funzjonament bla xkiel u ordnat tas-swieq finanzjarji.
- (43) Il-miżuri għall-indirizzar tal-fallimenti tas-saldu relatati max-xiri sfurzati u l-penali jistgħu jesiġu bidliet sinifikanti fis-sistema tal-IT, ittestjar tas-suq u aġġustamenti għall-arranġamenti legali bejn il-partijiet ikkonċernati, inklużi s-CSDs u parteċipanti oħrajn tas-suq. Għaldaqstant jenħtieġ li jingħata żmien suffiċjenti għall-applikazzjoni ta' dawk il-miżuri, biex jiġi żgurat li l-partijiet ikkonċernati jistgħu jissodisfaw ir-rekwiżiti meħtieġa.
- (44) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji ppreżentat mill-ESMA lill-Kummissjoni Ewropea skont il-proċedura tal-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(1)</sup>.
- (45) L-ESMA wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet l-opinjoni tal-Grupp tal-Partijiet Ikkonċernati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010. Fl-iżvilupp tal-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji, l-ESMA ħadmet ukoll f'kooperazzjoni mill-qrib mal-membri tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

## KAPITOLU I

### Ġenerali

#### Artikolu 1

### Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (a) "membru tal-ikklerjar" tfisser impriża kif definita fil-punt (14) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(2)</sup>;

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u depożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1)

- (b) “fond negozjat fil-borża” (ETF) tfisser fond kif definit fil-punt (46) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(1)</sup>;
- (c) “eżekuzzjoni tal-ordnijiet” tfisser “eżekuzzjoni tal-ordnijiet fisem il-klijenti” kif definit fil-punt (5) fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2014/65/UE;
- (d) “klijent bl-imnut” tfisser klijent bl-imnut kif definit fil-punt (11) fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2014/65/UE;
- (e) “struzzjoni ta’ saldu” tfisser ordni ta’ trasferiment kif definit fil-punt (i) fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 98/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(2)</sup>;
- (f) “parti għan-negozju” tfisser parti li taġixxi bħala prinċipal fi tranżazzjoni ta’ titoli msemmija fil-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(10) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014;
- (g) “membru ta’ ċentru tan-negozjar” tfisser membru ta’ ċentru tan-negozjar jew parteċipant fih.

## KAPITOLU II

### Miżuri għall-prevenzjoni ta’ fallimenti ta’ saldu

#### Artikolu 2

#### Miżuri li jirrigwardaw klijenti professjonali

1. Id-ditti tal-investment għandhom jesiġu li l-klijenti professjonali tagħhom jibagħtulhom allokazzjonijiet bil-miktub ta’ titoli jew ta’ kontanti għat-tranżazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, filwaqt li jidentifikaw il-kontijiet li għandhom jiġu kreditati jew debitati. Dawn l-alkokazzjonijiet bil-miktub għandhom jispeċifikaw dan li ġej:

- (a) wieħed minn dawn it-tipi ta’ tranżazzjoni:
  - (i) xiri jew bejgħ ta’ titoli;
  - (ii) operazzjonijiet tal-immaniġġjar tal-kollateral;
  - (iii) self ta’ titoli/operazzjoni ta’ teħid b’self;
  - (iv) tranżazzjonijiet ta’ riakkwist;
  - (v) tranżazzjonijiet oħrajn li jistgħu jiġu identifikati b’aktar kodiċijiet granulari tal-ISO;
- (b) in-Numru Internazzjonali għall-Identifikazzjoni tat-Titoli (ISIN) tal-istrument finanzjarju jew meta l-ISIN ma jkunx disponibbli, xi identifikatur ieħor tal-istrument finanzjarju;
- (c) il-konsenja jew il-wasla tal-istrumenti finanzjarji jew tal-kontanti;
- (d) il-valur nominali għall-istrumenti ta’ dejn, u l-kwantità għal strumenti finanzjarji oħrajn;
- (e) id-data tan-negozju;
- (f) il-prezz tan-negozju tal-istrument finanzjarju;
- (g) il-munita li fiha hija espressa t-tranżazzjoni;
- (h) id-data tas-saldu tat-tranżazzjoni ppjanata;
- (i) l-ammont totali ta’ kontanti li għandu jitwassal jew jasal;
- (j) l-identifikatur tal-entità fejn huma miżmuma t-titoli;
- (k) l-identifikatur tal-entità fejn huma miżmuma l-kontanti;
- (l) l-ismijiet u n-numri tal-kontijiet tat-titoli jew tal-kontanti li għandhom jiġu kreditati jew debitati.

L-alkokazzjonijiet bil-miktub għandhom jinkludu kwalunkwe informazzjoni oħra meħtieġa mid-ditta tal-investment għall-iffaċilitar tas-saldu tat-tranżazzjoni.

Id-ditti tal-investment li jkunu rċewew konferma tal-eżekuzzjoni ta’ ordni ta’ tranżazzjoni magħmula minn klijent professjonali għandhom jiżguraw permezz tal-arranġamenti kuntrattwali li l-klijent professjonali jikkonferma l-aċċettazzjoni tiegħu tat-termini tat-tranżazzjoni bil-miktub fiż-żmien stabbilit fit-tieni paragrafu. Din il-konferma bil-miktub tista’ tkun inkluża wkoll fl-alkokazzjoni bil-miktub.

<sup>(1)</sup> Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta’ Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349).

<sup>(2)</sup> Id-Direttiva 98/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta’ Mejju 1998 dwar finalità ta’ settlement fis-sistemi ta’ settlement ta’ pagamenti u titoli (ĠU L 166, 11.6.1998, p. 45).



Id-ditti tal-investment għandhom jipprovdha lill-klijenti professjonali tagħhom l-għażla li jibagħtu l-allokazzjoni bil-miktub u l-konferma bil-miktub b'mod elettroniku, permezz tal-proċeduri u standards ta' komunikazzjoni miftuħa u internazzjonali sabiex jintbagħtu l-messaġġi u d-data ta' referenza msemmija fl-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014.

2. Il-klijenti professjonali għandhom jiżguraw li l-allokazzjonijiet bil-miktub u l-konfermi bil-miktub imsemmija fl-ewwel paragrafu jaslu għand id-ditta tal-investment sa waħda mill-iskadenzi li ġejjin:

- (a) sal-għeluq tan-negozju fil-jum ta' negozju li fih seħħet it-tranżazzjoni fejn id-ditta tal-investment u l-klijent professjonali rilevanti jinsabu fl-istess żona ta' ħin;
- (b) sa nofsinhar CET tal-jum ta' negozju wara dak li fih seħħet it-tranżazzjoni f'każ ta' waħda minn dawn:
  - (i) hemm differenza ta' aktar minn sagħtejn bejn iż-żona ta' ħin tad-ditta tal-investment u ż-żona ta' ħin tal-klijent professjonali rilevanti;
  - (ii) l-ordnijiet ġew eżegwiti wara l-erbgħa ta' wara nofsinhar CET tal-jum ta' negozju fiż-żona ta' ħin tad-ditta tal-investment.

Id-ditti tal-investment għandhom jikkonfermaw il-wasla tal-allokazzjoni bil-miktub u tal-konferma bil-miktub fi żmien sagħtejn minn dik il-wasla. Meta l-allokazzjoni bil-miktub u l-konferma bil-miktub jaslu għand id-ditta tal-investment finqas minn siegħa qabel tagħlaq in-negozju tagħha, dik id-ditta tal-investment għandha tikkonferma l-wasla tal-allokazzjoni bil-miktub u tal-konferma bil-miktub fi żmien siegħa mill-bidu tan-negozju fil-jum ta' negozju sussegwenti.

3. Meta d-ditti tal-investment jirċievu l-informazzjoni tas-saldu meħtieġa msemmija fl-ewwel paragrafu qabel l-iskadenzi msemmija fit-tieni paragrafu, jistgħu jaqblu bil-miktub mal-klijenti professjonali tagħhom li l-allokazzjonijiet bil-miktub u l-konfermi bil-miktub rilevanti ma għandhomx jintbagħtu.

4. L-ewwel, it-tieni u t-tielet paragrafi ma għandhomx japplikaw għall-klijenti professjonali li jżommu t-titoli u l-kontanti rilevanti għas-saldu fl-istess ditta tal-investment.

### Artikolu 3

#### Miżuri li jirrigwardaw klijenti bl-innut

Id-ditti tal-investment għandhom jesigū li l-klijenti bl-innut tagħhom jibagħtulhom l-informazzjoni rilevanti kollha dwar is-saldu għat-tranżazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 sa nofsinhar CET fil-jum ta' negozju wara dak li fih tkun seħħet it-tranżazzjoni fiż-żona ta' ħin tad-ditta tal-investment, sakemm dak il-klijent ma jkunx iżomm l-istrumenti finanzjarji u l-kontanti rilevanti fl-istess ditta tal-investment.

### Artikolu 4

#### L-iffaċilitar u l-ipproċessar tas-saldu

1. Is-CSDs għandhom jipproċessaw l-istruzzjonijiet kollha ta' saldu fuq bażi awtomatizzata.
2. Is-CSDs li jkunu intervjenew manwalment fil-proċess ta' saldu awtomatizzat fil-mod imsemmi jew fil-punt (a) jew fil-punt (b) tat-tielet paragrafu għandhom jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti r-raġuni għal dak l-intervent fi żmien 30 jum minn meta jseħħ, sakemm l-istess raġuni ma tkunx ġiet innotifikata diġà għal interventi preċedenti.
3. Intervent manwali fil-proċess ta' saldu awtomatizzat għandu jseħħ f'dawn iċ-ċirkustanzi li ġejjin:
  - (a) meta t-trażmissjoni ta' struzzjoni ta' saldu li tkun waslet fis-sistema ta' saldu tat-titoli tkun ġiet ittardjata jew modifikata jew meta dik l-istruzzjoni ta' saldu nfisha ġiet modifikata barra mill-proċeduri awtomatizzati.
  - (b) meta jseħħ intervent barra mill-proċeduri awtomatizzati, inkluż l-immaniġġjar ta' inċidenti tal-IT, fl-ipproċessar ta' struzzjonijiet ta' saldu riċevuti fil-magna tas-saldu.
4. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jinfurmaw lis-CSDs fi kwalunkwe ħin li raġuni partikulari ma tiġġustifikax interventi manwali fil-proċess tas-saldu awtomatizzat. Is-CSDs ma jistgħux jintervjenu b'mod manwali fil-proċess tas-saldu awtomatizzat minn hawn 'il quddiem abbażi ta' din ir-raġuni.

## Artikolu 5

**It-tqabbil u l-mili ta' struzzjonijiet ta' saldu**

1. Is-CSDs għandhom jipprovdw lill-parteċipanti funzjonalità li tappoġġja t-tqabbil kompletament awtomatizzat, kontinwu u fil-ħin reali ta' struzzjonijiet ta' saldu matul kull jum ta' negozju.

2. Is-CSDs għandhom jesigw li l-parteċipanti jqabblu l-istruzzjonijiet ta' saldu tagħhom permezz tal-funzjonalità msemmija fl-ewwel paragrafu qabel isaldawhom, ħlief fiċ-ċirkustanzi li ġejjin:

- (a) meta s-CSD ikun aċċetta li l-istruzzjonijiet tas-saldu diġà ġew imqabbla miċ-ċentri tan-negozju, minn CCPs jew entitajiet oħrajn;
- (b) meta s-CSD innifsu jkun qabbel l-istruzzjonijiet tas-saldu;
- (c) fil-każ ta' struzzjonijiet ta' saldu mingħajr ħlas (free of payment - "FoP"), imsemmija fil-punt (g)(i) fl-Artikolu 13(1), li jikkonsistu f'ordnijiet għal trasferimenti ta' strumenti finanzjarji bejn kontijiet differenti miftuħa f'isem l-istess parteċipant jew immaniġġjati mill-istess operatur tal-kont.

L-operaturi tal-kontijiet imsemmija f'(c) għandhom jinkludu l-entitajiet li għandhom relazzjoni kuntrattwali ma' CSD u li joperaw kontijiet ta' titoli miżmuma minn dak is-CSD permezz tar-reġistrazzjoni ta' entrati tal-kotba f'dawk il-kontijiet tat-titoli.

3. Is-CSDs għandhom jesigw li l-parteċipanti jużaw dawn l-oqsma ta' tqabbil li ġejjin fl-istruzzjonijiet ta' saldu għat-tqabbil tal-istruzzjonijiet ta' saldu:

- (a) it-tip ta' struzzjoni ta' saldu kif imsemmi fl-Artikolu 13(1)(g);
- (b) id-data tas-saldu pjanata tal-istruzzjoni ta' saldu;
- (c) id-data tan-negozju;
- (d) il-munita, ħlief fil-każ ta' struzzjonijiet ta' saldu FoP;
- (e) l-ammont tas-saldu, ħlief fil-każ ta' struzzjonijiet ta' saldu FoP;
- (f) il-valur nominali għall-istrumenti ta' dejn, jew il-kwantità għal strumenti finanzjarji oħrajn;
- (g) il-konsenja jew il-wasla tal-istrumenti finanzjarji jew tal-kontanti;
- (h) l-ISIN tal-istrument finanzjarju;
- (i) l-identifikatur tal-parteċipant li jwassal l-istrumenti finanzjarji jew il-kontanti;
- (j) l-identifikatur tal-parteċipant li jirċievi l-istrumenti finanzjarji jew il-kontanti;
- (k) l-identifikatur tas-CSD tal-kontroparti tal-parteċipant, fil-każ ta' CSDs li jużaw infrastruttura ta' saldu komuni, inkluż fiċ-ċirkustanzi msemmija fl-Artikolu 30(5) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014;
- (l) oqsma ta' tqabbil oħrajn meħtieġa mis-CSD għall-iffaċilitar tas-saldu ta' tranżazzjonijiet.

4. Minbarra l-oqsma msemmija fit-tielet paragrafu, is-CSDs għandhom jesigw li l-parteċipanti tagħhom jużaw qasam li jindika t-tip ta' tranżazzjoni fl-istruzzjonijiet tas-saldu tagħhom skont it-tassonomija li ġejja:

- (a) xiri jew bejgħ ta' titoli;
- (b) operazzjonijiet tal-immaniġġjar tal-kollateral;
- (c) self ta' titoli/operazzjoni ta' teħid b'self;
- (d) tranżazzjonijiet ta' xiri mill-ġdid;
- (e) tranżazzjonijiet oħrajn (li jistgħu jiġu identifikati b'aktar kodiċijiet granulari tal-ISO kif ipprovduti mis-CSD).

## Artikolu 6

**Livelli ta' tolleranza**

Għall-finijiet ta' tqabbil, is-CSDs għandhom jistabbilixxu livelli ta' tolleranza għall-ammonti tas-saldu.

Il-livell ta' tolleranza għandu jirrappreżenta d-differenza massima bejn l-ammonti tas-saldu f'żewġ struzzjonijiet ta' saldu korrispondenti li xorta waħda jippermettu t-tqabbil.

Għall-istruzzjonijiet ta' saldu f'EUR, il-livell ta' tolleranza għal kull struzzjoni ta' saldu għandu jkun EUR 2 għal ammonti ta' saldu sa massimu ta' EUR 100 000 u EUR 25 għal ammonti ta' saldu ta' aktar minn EUR 100 000. Għall-istruzzjonijiet ta' saldu f'muniti oħrajn, il-livell ta' tolleranza għal kull struzzjoni ta' saldu għandu jkun ta' ammonti ekwivalenti skont ir-rata tal-kambju uffiċjali tal-BĊE, fejn disponibbli.

#### Artikolu 7

### Faċilità ta' tħassir

Is-CSDs għandhom jistabbilixxu faċilità ta' tħassir bilaterali li tippermetti lill-parteċipanti jħassru b'mod bilaterali l-istruzzjonijiet ta' saldu mqabbla li jiffurmaw parti mill-istess tranżazzjoni.

#### Artikolu 8

### Mekkaniżmu ta' żamma u rilaxx

Is-CSDs għandhom jistabbilixxu mekkaniżmu ta' żamma u rilaxx li jikkonsisti minn dawn it-tnejn li ġejjin:

- (a) mekkaniżmu ta' żamma li jippermetti li l-istruzzjonijiet ta' saldu pendenti jiġu mblukkati mill-parteċipant li jagħti l-istruzzjonijiet għall-fini tas-saldu;
- (b) mekkaniżmu ta' rilaxx li jippermetti li l-istruzzjonijiet ta' saldu pendenti li ġew imblukkati mill-parteċipant li jagħti l-istruzzjonijiet jiġu rilaxxati għall-fini tas-saldu.

#### Artikolu 9

### Riċiklaġġ

Is-CSDs għandhom jirriċiklaw struzzjonijiet ta' saldu li rriżultaw f'falliment tas-saldu sakemm jiġu saldati jew imħassra b'mod bilaterali.

#### Artikolu 10

### Saldu parzjali

Is-CSDs għandhom jippermettu s-saldu parzjali ta' struzzjonijiet ta' saldu.

#### Artikolu 11

### Faċilitajiet u informazzjoni addizzjonali

1. Is-CSDs għandhom joffru lill-parteċipanti l-possibilità li jkunu informati dwar struzzjoni ta' saldu pendenti tal-kontropartijiet tagħhom, jew fi żmien siegħa mill-ewwel tentattiv mingħajr suċċess biex titqabbel it-tranżazzjoni, jew minnufih wara dan it-tentattiv mingħajr suċċess meta dak it-tentattiv ikun sar fil-perjodu ta' ħames sigħat qabel tintemm id-data tas-saldu prevista jew wara d-data tas-saldu prevista.
2. Is-CSDs għandhom jipprovdu lill-parteċipanti aċċess għal informazzjoni fil-ħin reali dwar l-istatus tal-istruzzjonijiet tas-saldu tagħhom fis-sistema ta' saldu tat-titoli, inkluża informazzjoni dwar:
  - (a) struzzjonijiet ta' saldu pendenti li għadhom jistgħu jiġu saldati fid-data tas-saldu ppjanata;
  - (b) struzzjonijiet ta' saldu li fallaw li ma jistgħux jiġu saldati aktar fid-data tas-saldu ppjanata;
  - (c) struzzjonijiet ta' saldu kompletament saldati;
  - (d) struzzjonijiet ta' saldu parzjalment saldati, inklużi kemm il-partijiet saldati kif ukoll il-partijiet mhux saldati ta' strumenti finanzjarji jew ta' flus kontanti;
  - (e) struzzjonijiet ta' saldu mħassra, inkluża l-informazzjoni dwar jekk dawk l-istruzzjonijiet ġewx imħassra mis-sistema jew mill-parteċipant.

3. L-informazzjoni fil-ħin reali msemmija fit-tieni paragrafu għandha tinkludi dan li ġej:
  - (a) jekk l-istruzzjoni tas-saldu ġietx imqabbla;
  - (b) jekk l-istruzzjoni tas-saldu għadhiex tista' tiġi parzjalment saldata;
  - (c) jekk l-istruzzjoni tas-saldu hijiex posposta;
  - (d) ir-raġunijiet għalfejn l-istruzzjonijiet għadhom pendenti jew qed ifallu.
4. Is-CSDs għandhom joffru lill-parteċipanti jew saldu gross f'ħin reali matul kull jum ta' negozju jew minimu ta' tliet lottijiet ta' saldu għal kull jum ta' negozju. It-tliet lottijiet ta' saldu għandhom ikunu mifruxa tul il-jum ta' negozju skont il-ħtiġijiet tas-suq, abbażi ta' talba mill-kumitat tal-utenti tas-CSD.

#### Artikolu 12

### Deroga minn ċerti miżuri biex jiġu evitati l-fallimenti tas-saldu

1. L-Artikoli 8 u 10 ma għandhomx japplikaw meta s-sistema ta' saldu tat-titoli mħaddma minn CSD tissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin:
  - (a) il-valur ta' fallimenti ta' saldu ma jaqbiżx EUR 2,5 biljun fis-sena;
  - (b) ir-rata ta' fallimenti tas-saldu, ibbażata jew fuq in-numru ta' struzzjonijiet ta' saldu jew fuq il-valur tal-istruzzjonijiet ta' saldu, hija inqas minn 0,5 % fis-sena.

Ir-rata ta' fallimenti ta' saldu bbażata fuq l-għadd ta' struzzjonijiet ta' saldu għandha tiġi kkalkulata billi n-numru ta' fallimenti ta' saldu jiġi diviż bin-numru ta' struzzjonijiet ta' saldu mdaħħla fis-sistema ta' saldu tat-titoli matul il-perjodu rilevanti.

Ir-rata ta' fallimenti ta' saldu bbażata fuq il-valur tal-istruzzjonijiet ta' saldu għandha tiġi kkalkulata billi l-valur f'EUR ta' fallimenti ta' saldu jiġi diviż bil-valur ta' struzzjonijiet ta' saldu mdaħħla fis-sistema ta' saldu tat-titoli matul il-perjodu rilevanti.

2. Sal-20 ta' Jannar ta' kull sena, is-CSDs għandhom jevalwaw jekk il-kundizzjonijiet imsemmija fl-ewwel paragrafu humiex issodisfati u għandhom jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti dwar ir-risultati ta' din l-evalwazzjoni skont l-Anness II.

Meta l-evalwazzjoni tikkonferma li mill-inqas waħda mill-kundizzjonijiet imsemmija fl-ewwel paragrafu ma għadhiex tapplika, is-CSDs għandhom japplikaw l-Artikolu 8 u l-Artikolu 10 fi żmien sena mid-data tan-notifika msemmija fl-ewwel subparagrafu.

#### KAPITOLU III

### Miżuri għall-indirizzar tal-fallimenti tas-saldu

#### Taqsimi I

### Il-monitoraġġ tal-fallimenti tas-saldu

#### Artikolu 13

### Detalji tas-sistema li timmonitorja l-fallimenti tas-saldu

1. Is-CSDs għandhom jistabbilixxu sistema li tippermettilhom jimmonitorjaw in-numru u l-valur tal-fallimenti tas-saldu għal kull data ta' saldu ppjanata, inkluż it-tul ta' kull falliment tas-saldu espress f'jiem ta' negozju. Din is-sistema għandha tiġbor din l-informazzjoni li ġejja għal kull falliment tas-saldu:
  - (a) ir-raġuni għall-falliment tas-saldu, abbażi tal-informazzjoni disponibbli għas-CSD;
  - (b) kwalunkwe restrizzjoni ta' saldu bħar-riżerva, l-imblukkar jew l-assenzjazzjoni ta' strumenti finanzjarji jew kontanti li jagħmlu l-istrumenti finanzjarji jew kontanti mhux disponibbli għas-saldu;

- (c) it-tip ta' strument finanzjarju, fil-kategoriji li ġejjin, affettwati mill-falliment tas-saldu:
- (i) titoli trasferibbli kif definiti fil-punt (a) tal-Artikolu 4(1)(44) tad-Direttiva 2014/65/UE;
  - (ii) dejn sovrani kif definit fl-Artikolu 4(1)(61) tad-Direttiva 2014/65/UE;
  - (iii) titoli trasferibbli kif definiti fil-punt (b) tal-Artikolu 4(1)(44) tad-Direttiva 2014/65/UE minbarra d-dejn sovrani imsemmi fil-punt (ii);
  - (iv) titoli trasferibbli kif definiti fil-punt (c) tal-Artikolu 4(1)(44) tad-Direttiva 2014/65/UE;
  - (v) fondi negozjati fil-Borża (ETFs);
  - (vi) unitajiet f'impriżi ta' investment kollektiv, minbarra l-ETFs;
  - (vii) strumenti tas-suq monetarju, għajr id-dejn sovrani imsemmi fil-punt (ii);
  - (viii) kwoti ta' emissjonijiet;
  - (ix) strumenti finanzjarji oħra.
- (d) it-tip ta' tranżazzjoni, fil-kategoriji li ġejjin, affettwati mill-falliment tas-saldu:
- (i) xiri jew bejgħ ta' strumenti finanzjarji;
  - (ii) operazzjonijiet tal-immaniġġjar tal-kollateral;
  - (iii) self ta' titoli/operazzjoni ta' teħid b'self;
  - (iv) tranżazzjonijiet ta' xiri mill-ġdid;
  - (v) tranżazzjonijiet oħrajn li jstgħu jiġu identifikati b'aktar kodiċijiet granulari tal-ISO kif ipprovduti mis-CSD.
- (e) il-post tan-negozjar u tal-ikklerjar tal-istrumenti finanzjarji affettwati, fejn applikabbli;
- (f) it-tip ta' struzzjoni ta' saldu, fil-kategoriji li ġejjin, affettwati mill-falliment tas-saldu:
- (i) struzzjoni ta' saldu fis-CSD, meta l-partijiet inadempjenti u dawk riċeventi huma t-tnejn parteċipanti fl-istess sistema ta' saldu tat-titoli; jew
  - (ii) struzzjoni ta' saldu bejn is-CSDs, meta l-partijiet inadempjenti u dawk riċeventi huma parteċipanti f'żewġ sistemi ta' saldu tat-titoli differenti jew wieħed mill-partiċipanti huwa CSD;
- (g) it-tip ta' struzzjoni ta' saldu, fil-kategoriji li ġejjin, affettwati mill-falliment tas-saldu:
- (i) struzzjonijiet ta' saldu FoP li jikkonsistu fi struzzjonijiet ta' saldu ta' konsenja mingħajr hłas (deliver free of payment, "DFP") u ta' ksib mingħajr hłas (receive free of payment, "RFP");
  - (ii) struzzjonijiet ta' saldu ta' konsenja fuq hłas (delivery versus payment, "DVP") u ta' ksib fuq hłas (receive versus payment, "RVP");
  - (iii) struzzjonijiet ta' saldu ta' konsenja bi hłas (delivery with payment, "DWP") u ta' ksib bi hłas (receive with payment, "RWP"); jew
  - (iv) struzzjonijiet ta' saldu ta' hłas mingħajr konsenja (payment free of delivery, "PFOD") li jikkonsistu minn struzzjonijiet ta' saldu ta' ddebitar ta' hłas mingħajr konsenja (debiting payment free of delivery, "DPFOD") u ta' akkreditar ta' hłas mingħajr konsenja (crediting payment free of delivery, "CPFOD").
- (h) it-tip ta' kontijiet ta' titoli relatati mal-falliment tas-saldu, inkluż:
- (i) il-kont proprju tal-partiċipant;
  - (ii) il-kont individwali tal-klijent ta' partiċipant;
  - (iii) il-kont omnibus ta' klijent ta' partiċipant.
- (i) il-munita li fiha huma ddenominati l-istruzzjonijiet tas-saldu.

2. Is-CSDs għandhom jistabbilixxu arranġamenti ta' ħidma mal-partiċipanti msemmija fl-oqsma 17 u 18 tat-Tabella 1 fl-Anness I li jkollhom l-iktar impatt sinifikanti fuq is-sistemi ta' saldu tat-titoli tagħhom u, fejn japplika, mas-CCPs u ċentri ta' negozju rilevanti sabiex janalizzaw ir-raġunijiet ewlenin għall-fallimenti tas-saldu.

*Artikolu 14***Ir-rapportar tal-fallimenti tas-saldu**

1. Is-CSDs għandhom jikkomunikaw l-informazzjoni msemmija fl-Anness I lill-awtorità kompetenti u lill-awtoritajiet rilevanti kull xahar u sal-għeluq tan-negozju fil-ħames jum ta' negozju tax-xahar sussegwenti.

Din l-informazzjoni għandha tinkludi l-valuri rilevanti f'EUR. Kwalunkwe konverżjoni ta' valur f'EUR għandha ssir permezz tar-rata tal-kambju uffiċjali tal-BĊE tal-aħħar jum tal-perjodu ta' rapportar fejn ir-rata tal-kambju uffiċjali tal-BĊE tkun disponibbli.

Is-CSDs għandhom jirrapportaw aktar spiss u jipprovdu aktar informazzjoni dwar il-fallimenti tas-saldu jekk l-awtorità kompetenti titlob dan.

2. Sal-20 ta' Jannar ta' kull sena, is-CSDs għandhom jirrapportaw lill-awtorità kompetenti u lill-awtoritajiet rilevanti l-informazzjoni msemmija fl-Anness II, inklużi l-miżuri ppjanati jew meħuda mis-CSDs u l-parteċipanti tagħhom sabiex itejbu l-effiċjenza tas-saldu tas-sistemi ta' saldu tat-titoli li jħaddmu.

Is-CSDs għandhom jimmonitorjaw l-applikazzjoni tal-miżuri msemmija fl-ewwel subparagrafu b'mod regolari u għandhom jinformat lill-awtorità kompetenti u lill-awtoritajiet rilevanti, fuq talba, bi kwalunkwe sejba rilevanti li tirriżulta minn dan il-monitoraġġ.

3. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandha tiġi provduta f'format li jinqara minn magna.

4. Il-valur tal-istruzzjonijiet tas-saldu msemmija fl-Annessi I sa III għandu jiġi kkalkulat kif ġej:

- (a) fil-każ ta' struzzjonijiet ta' saldu bi ħlas, l-ammont ta' saldu tal-parti ta' flus;
- (b) fil-każ ta' struzzjonijiet ta' saldu FoP, il-valur tas-suq tal-istrumenti finanzjarji msemmija fl-Artikolu 32(3) jew, fejn ma jkunx disponibbli, il-valur nominali tal-istrumenti finanzjarji.

*Artikolu 15***Żvelar pubbliku dwar il-fallimenti ta' saldu**

Is-CSDs għandhom jipubblikaw l-informazzjoni stabbilita fl-Anness III dwar is-sistema ta' saldu tat-titoli li jħaddmu, inklużi l-valuri rilevanti f'EUR, fuq is-sit elettroniku tagħhom bla ħlas.

Kwalunkwe konverżjoni ta' valur f'EUR għandha ssir permezz tar-rata tal-kambju uffiċjali tal-BĊE tal-aħħar jum tal-perjodu ta' rapportar meta r-rata tal-kambju uffiċjali tal-BĊE tkun disponibbli.

L-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tkun ippubblikata kull sena u f'lingwa komuni fl-isfera tal-finanzi internazzjonali u għandha tkun tinqara minn magna.

*Taqsim 2***Penali ta' kontanti***Artikolu 16***Il-kalkolu u l-applikazzjoni ta' penali f'kontanti**

1. Il-penali f'kontanti msemmija fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 għandhom ikunu kkalkulati u applikati mis-CSDs għal kull struzzjoni ta' saldu li tfalli milli tissalda.

Il-kalkolu msemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jinkludi l-istruzzjonijiet ta' saldu li ġew posposti minn parteċipant.

Meta jkun meħtieġ tqabbil skont l-Artikolu 5(2), il-penali f'kontanti għandhom jiġu applikati biss għal struzzjonijiet ta' saldu mqabbla.

2. Il-penali f'kontanti għandhom ikunu kkalkulati u applikati fl-aħħar ta' kull jum ta' negozju fejn l-istruzzjoni tas-saldu ma jirnexxilhiex tissalda.

3. Meta struzzjoni ta' saldu tkun iddaħħlet fis-sistema ta' saldu tat-titoli jew tkun ġiet imqabbla wara d-data tas-saldu ppjanata, il-penali f'kontanti għandhom jiġu kkalkulati u applikati mid-data tas-saldu ppjanata.

Meta struzzjonijiet ta' saldu ġodda jiddaħħlu fis-sistema ta' saldu tat-titoli għal kwalunkwe strument finanzjarju mhux ikkonsenjat skont l-Artikolu 27(10), l-Artikolu 29(11) jew l-Artikolu 31(11), għandhom japplikaw penali f'kontanti għall-istruzzjonijiet ta' saldu ġodda mill-jum li dawn l-istruzzjonijiet jiddaħħlu fis-sistema ta' saldu tat-titoli.

Meta l-istruzzjonijiet ta' saldu jkunu ġew imqabbla wara d-data tas-saldu ppjanata, il-penali f'kontanti għall-perjodu ta' bejn id-data tas-saldu ppjanata u l-jum ta' negozju preċedenti għall-jum li fih sar it-tqabbil għandhom jitħallsu mill-aħħar parteċipant li daħħal jew immodifika l-istruzzjoni ta' saldu rilevanti fis-sistema ta' saldu tat-titoli.

4. Is-CSDs għandhom jipprovdu lil kull parteċipant rilevanti d-dettalji dwar il-kalkolu tal-penali għal kull struzzjoni ta' saldu falluta kuljum, u jinkludu d-dettalji tal-kont li għalih tirreferi kull struzzjoni ta' saldu falluta.

#### Artikolu 17

### Il-ġbir u t-tqassim tal-penali f'kontanti

1. Is-CSDs għandhom jimponu u jiġbru tal-inqas darba fix-xahar l-ammont nett ta' penali f'kontanti li għandhom jitħallsu minn kull parteċipant inadempjenti.

Il-penali f'kontanti għandhom ikunu ddepożitati f'kont ta' flus kontanti apposta.

2. Is-CSDs għandhom iqassmu tal-inqas darba fix-xahar l-ammont nett ta' penali f'kontanti msemija fl-ewwel paragrafu lill-parteċipanti riċeventi affettwati minn fallimenti tas-saldu.

#### Artikolu 18

### L-ispejjeż tal-mekkaniżmu tal-penali

1. Is-CSDs ma għandhomx jużaw il-penali f'kontanti sabiex ikopru l-ispejjeż relatati mal-mekkaniżmu tal-penali.

2. Is-CSDs għandhom jiżvelaw, fid-dettall, l-ammont tal-ispejjeż imsemija fl-ewwel paragrafu lill-parteċipanti.

3. Is-CSDs għandhom jimponu lill-parteċipanti ħlas separat għall-ispejjeż tal-mekkaniżmu tal-penali. Dawk l-ispejjeż ma għandhomx ikunu imposti fuq il-bażi ta' penali gross applikati għal kull parteċipant.

#### Artikolu 19

### Mekkaniżmu ta' penali meta l-parteċipant huwa CCP

Meta l-parteċipant inadempjenti jew riċeventi huwa CCP, is-CSDs għandhom jiżguraw dan li ġej:

- li s-CCPs jingħataw il-kalkolu tal-penali f'kontanti għall-istruzzjonijiet ta' saldu falluti mogħtija minn dawn is-CCPs;
- li s-CCPs jiġbru l-penali f'kontanti msemija f'(a) mill-membri tal-ikklerjar li kkawżaw il-fallimenti tas-saldu;
- li s-CCPs iqassmu l-penali f'kontanti msemija f'(b) lill-membri tal-ikklerjar affettwati mill-fallimenti tas-saldu.
- li s-CCPs jipprovdu rappurtar lis-CSD dwar il-penali li jkunu ġabru u qassmu, kull xahar.

#### Artikolu 20

### CSDs li jużaw infrastruttura ta' saldu komuni

Is-CSDs li jużaw infrastruttura ta' saldu komuni, inkluż meta wħud mis-servizzi jew l-attivitajiet tagħhom ġew esternalizzati kif imsemmi fl-Artikolu 30(5) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, għandhom jistabbilixxu b'mod konġunt il-mekkaniżmu ta' penali msemmi fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 u jimmaniġġjaw b'mod konġunt il-modalitajiet għall-kalkolu, l-applikazzjoni, il-ġbir u t-tqassim tal-penali f'kontanti skont dan ir-Regolament.

## Taqsimha 3

**Dettalji tal-proċess ta' xiri sfurzati**

## Subtaqsimha 1

**Ġenerali**

## Artikolu 21

**Xiri sfurzati mhux possibbli**

Xiri sfurzati għandu jittqies mhux possibbli biss meta:

- (a) l-istrumenti finanzjarji rilevanti ma jibqgħux jeżistu;
- (b) għat-tranżazzjonijiet mhux ikklerjati minn CCP, il-membri taċ-ċentru tan-negozjar inadempjenti jew il-parti għan-negozju inadempjenti huma soġġetti għal proċeduri ta' insolvenza.

Għall-finijiet ta' (b), proċedura ta' insolvenza għandha f'isser kwalunkwe miżura kollettiva pprovduta bil-liġi ta' Stat Membru, jew ta' pajjiż terz, għall-istralċ tal-membri taċ-ċentru tan-negozjar jew tal-parti għan-negozju jew għar-riorganizzazzjoni tagħhom, meta din il-miżura tinvolvi s-sospensjoni jew l-impożizzjoni ta' limitazzjonijiet fuq it-trasferimenti jew pagamenti.

## Artikolu 22

**Proċess ta' xiri sfurzati ineffettivi**

1. Għall-finijiet tal-punt (b) tal-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, dawn l-operazzjonijiet għandhom jittqiesu li huma magħmula minn diversi tranżazzjonijiet:

- (a) operazzjonijiet fejn parti tbigħ strumenti finanzjarji għal kontanti ("l-ewwel tranżazzjoni"), b'impenn tal-parti l-oħra li tbigħ strumenti finanzjarji ekwivalenti lill-ewwel parti għal prezz li huwa determinat jew determinabbli ("it-tieni tranżazzjoni");
- (b) operazzjonijiet fejn parti tittrasferixxi strumenti finanzjarji lil parti oħra ("l-ewwel tranżazzjoni"), b'impenn ta' dik il-parti l-oħra li tirritorna strumenti finanzjarji ekwivalenti lill-ewwel parti ("it-tieni tranżazzjoni").

2. Meta japplika l-ewwel paragrafu, il-proċess ta' xiri sfurzati għandu jittqies ineffettiv meta d-data tas-saldu ppjanata għat-tieni tranżazzjoni hija stabbilita fi żmien 30 jum ta' negozju wara d-data ta' saldu ppjanata għall-ewwel tranżazzjoni.

## Artikolu 23

**L-applikazzjoni tas-saldu parzjali**

1. Meta fl-aħħar jum ta' negozju tal-perjodu ta' estensjoni msemmi fl-Artikolu 7(3) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, uħud mill-istrumenti finanzjarji rilevanti huma disponibbli għall-konsenja lill-parteċipant riċeventi, il-membri tal-ikklerjar, il-membri taċ-ċentru tan-negozjar jew il-partijiet għan-negozju riċeventi u inadempjenti, skont il-każ, għandhom isaldaw parzjalment l-istruzzjoni ta' saldu inizjali diment li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 12(1) ta' dan ir-Regolament ikunu ssodisfati.

2. L-ewwel subparagrafu ma għandux japplika meta l-istruzzjoni ta' saldu rilevanti tiġi posposta skont l-Artikolu 8.

## Artikolu 24

**Aġent tax-xiri sfurzati**

Aġent tax-xiri sfurzati ma għandu jkollu l-ebda kunflitt ta' interess fl-eżekuzzjoni ta' xiri sfurzati u għandu jeżegwixxi x-xiri sfurzati fit-termini l-aktar favorevoli għall-membri tal-ikklerjar, il-membri taċ-ċentru tan-negozjar jew il-parti għan-negozju inadempjenti, skont il-każ, skont l-Artikolu 27 tad-Direttiva 2014/65/UE.

## Artikolu 25

**Arranġamenti u proċeduri kuntrattwali**

1. Il-partijiet fil-katina tas-saldu għandhom jistabbilixxu arranġamenti kuntrattwali mal-kontropartijiet rilevanti tagħhom li jinkorporaw il-proċess ta' xiri sfurzati speċifikat fit-tieni paragrafu u l-proċeduri speċifikati fit-tielet paragrafu.



2. L-arranġamenti kuntrattwali msemmija fl-ewwel paragrafu għandhom jinkorporaw bis-sħiħ ir-rekwiżiti applikabbli stabbiliti fl-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 u l-Artikoli 26 sa 38 ta' dan ir-Regolament. Kull parti fil-katina tas-saldu għandha tiżgura li l-arranġamenti kuntrattwali stabbiliti mal-kontropartijiet rilevanti tagħha huma infurzabbli fil-gurisidizzjonijiet rilevanti kollha.
3. Is-CCPs, il-membri tal-ikklerjar, il-membri taċ-ċentru tan-negozjar jew il-partijiet għan-negozju għandhom jistabbilixxu l-proċeduri meħtieġa għall-eżekuzzjoni tax-xiri sfurzati, iħallsu l-kumpens f'kontanti, id-differenza fil-prezz u l-ispejjeż tax-xiri sfurzati fl-iskadenzi meħtieġa. L-arranġamenti kuntrattwali u l-proċeduri msemmija f'dan l-Artikolu għandhom jinkludu d-dispożizzjonijiet meħtieġa biex jiġi żgurat li l-partijiet rilevanti fil-katina tas-saldu jirċievu l-informazzjoni meħtieġa sabiex jeżerċitaw id-drittijiet u l-obbligi tagħhom skont l-iskadenzi speċifikati fl-Artikoli 26 sa 35 ta' dan ir-Regolament.
4. Il-partiċipanti għandhom jistabbilixxu l-arranġamenti kuntrattwali meħtieġa mal-klijenti tagħhom sabiex jiżguraw li r-rekwiżiti tax-xiri sfurzati stipulati f'dan ir-Regolament ikunu infurzabbli fil-gurisidizzjonijiet kollha li għalihom jappartjenu l-partijiet fil-katina tas-saldu.
5. L-istrumenti finanzjarji mixtrija jistgħu jitqiesu kkonsenjati biss għall-finijiet tal-Artikolu 27, l-Artikolu 29 u l-Artikolu 31 meta dawn l-istrumenti jkunu waslu fis-sistema ta' saldu tat-titoli mħaddma mis-CSD għand il-partiċipanti riċeventi li jaġixxu fisem is-CCP, il-membri tal-ikklerjar, il-membri taċ-ċentru tan-negozjar jew il-partijiet għan-negozju riċeventi.
6. Il-kumpens f'kontanti msemmi fl-Artikolu 33 u d-differenza fil-prezz imsemmija fl-Artikolu 35(1) jistgħu jitqiesu li tħallsu biss meta l-pagament f'kontanti jkun wasal għand il-partiċipanti riċeventi li jaġixxu fisem is-CCP, il-membri tal-ikklerjar, il-membri taċ-ċentru tan-negozjar jew il-partijiet għan-negozju riċeventi.

#### Subtaqsima 2

### Il-proċess ta' xiri sfurzati għat-tranżazzjonijiet ikklerjati minn CCP

#### Artikolu 26

#### Verifika inizjali

1. Fil-jum ta' negozju wara li jiskadi l-perjodu ta' estensjoni, is-CCPs għandhom jivverifikaw jekk xiri sfurzati huwiex possibbli skont l-Artikolu 21(a) b'raba ma' kwalunkwe tranżazzjoni li jkunu kklerjaw.
2. Meta xiri sfurzati ma jkunx possibbli skont l-Artikolu 21(a), is-CCP għandha tinnotifika lill-membri tal-ikklerjar inadempjenti dwar l-ammont ta' kumpens f'kontanti kkalkulat skont l-Artikolu 32. Il-kumpens f'kontanti għandu jitħallas skont l-Artikolu 33(1).
3. Meta xiri sfurzati huwa possibbli, għandu japplika l-Artikolu 27.

#### Artikolu 27

#### Proċedura u notifiċi ta' xiri sfurzati

1. Meta xiri sfurzati ikun possibbli, is-CCPs għandhom iniedu rkant jew jaħtru aġent tax-xiri sfurzati fil-jum ta' negozju wara l-iskadenza tal-perjodu ta' estensjoni u jinnotifikaw lill-membri tal-ikklerjar inadempjenti u riċeventi dwar dan.
2. Malli jirċievi n-notifika msemmija fl-ewwel paragrafu, il-membri tal-ikklerjar inadempjenti għandu jiżgura li kwalunkwe struzzjoni ta' saldu rilevanti relatata mal-falliment tas-saldu tiġi posposta.
3. Malli jirċievi n-notifika msemmija fl-ewwel paragrafu, il-membri tal-ikklerjar inadempjenti jista' biss iwassal l-istrumenti finanzjarji kif ġej:
  - (a) lill-aġent tax-xiri sfurzati meta l-aġent tax-xiri sfurzati jaġħti kunsens minn qabel;
  - (b) lis-CCP meta l-irkant ikun ingħata lil dak il-membri tal-ikklerjar inadempjenti.

Qabel ma jirċievi n-notifika msemmija fl-ewwel paragrafu, il-membri tal-ikklerjar inadempjenti jista' jibqa' jwassal l-istrumenti finanzjarji direttament lis-CCP.

4. Is-CCP għandha tinnotifika r-riżultati tax-xiri sfurzat lill-membri tal-ikklerjar inadempjenti u riċeventi u lis-CSD rilevanti sa mhux aktar tard mill-aħħar jum ta' negozju tal-perjodu stabbilit skont l-Artikolu 37.
5. Meta x-xiri sfurzat jirnexxi parzjalment jew kollu, in-notifika msemmija fir-raba' paragrafu għandha tinkludi l-kwantità u l-prezz tal-istrumenti finanzjarji mixtrija.
6. Meta x-xiri sfurzat ifalli parzjalment jew kollu, in-notifika msemmija fir-raba' paragrafu għandha tinkludi l-ammont tal-kumpens f'kontanti kkalkulat skont l-Artikolu 32 sakemm dik in-notifika ma tispeċifikax li l-eżekuzzjoni tax-xiri sfurzat hija differita.
7. Meta l-eżekuzzjoni ta' xiri sfurzat tiġi differita, is-CCP għandha tinnotifika r-riżultati tax-xiri sfurzat differit lill-membri tal-ikklerjar inadempjenti u riċeventi u lis-CSD rilevanti sa mhux aktar tard mill-aħħar jum ta' negozju tal-perjodu differit imsemmi fl-Artikolu 38.
8. Meta x-xiri sfurzat imsemmi fis-seba' paragrafu jirnexxi parzjalment jew kollu, in-notifika msemmija f'dak il-paragrafu għandha tinkludi l-kwantità u l-prezz tal-istrumenti finanzjarji mixtrija.
9. Meta x-xiri sfurzat imsemmi fis-seba' paragrafu jfalli parzjalment jew kollu, in-notifika msemmija f'dak il-paragrafu għandha tinkludi l-ammont tal-kumpens f'kontanti kkalkulat skont l-Artikolu 32.
10. Is-CCP għandha taċċetta l-istrumenti finanzjarji mixtrija msemmija fil-paragrafi 5 u 8 u tħallas għalihom, u tiżgura li dan li ġej jitwettagħ fl-aħħar ta' kull jum ta' negozju li fih is-CCP tirċievi dawk l-istrumenti finanzjarji:
  - (a) l-istrumenti finanzjarji mixtrija jitwasslu lill-membri tal-ikklerjar riċeventi;
  - (b) l-istruzzjonijiet ta' saldu relatati mal-falliment tas-saldu jitħassru;
  - (c) jiddaħħlu struzzjonijiet ta' saldu ġodda fis-sistema ta' saldu tat-titoli għal kwalunkwe strument finanzjarju mhux ikkonsenjat u s-CSD jirċievi l-informazzjoni meħtieġa sabiex jidentifika dawn l-istruzzjonijiet ta' saldu ġodda kif xieraq.
11. Is-CCP għandha tiżgura li l-istruzzjonijiet ta' saldu relatati mal-falliment tas-saldu jitħassru mal-ħlas tal-kumpens f'kontanti msemmi fil-paragrafi 6 u 9 jew, sa mhux aktar tard mit-tieni jum ta' negozju wara n-notifika msemmija fihom.

#### Subtaqsima 3

### **Il-proċess ta' xiri sfurzat għat-tranżazzjonijiet mhux ikklerjati minn CCP u eżegwiti f'ċentru tan-negozjar**

#### *Artikolu 28*

#### **Verifika inizjali**

1. Għat-tranżazzjonijiet mhux ikklerjati mis-CCPs u eżegwiti f'ċentru tan-negozjar, il-parteċipanti riċeventi, permezz tal-kljenti tagħhom, għandhom jinformat lill-membri taċ-ċentru tan-negozjar riċeventi tagħhom rigward kwalunkwe falliment tas-saldu mill-aktar fis possibbli.
2. Iċ-ċentru tan-negozjar għandu jiżvela l-identità tal-membri taċ-ċentru tan-negozjar inadempjenti lill-membri taċ-ċentru tan-negozjar riċeventi, jekk jintalab hekk. Fil-jum ta' negozju wara li jiskadi l-perjodu ta' estensjoni, il-membri taċ-ċentru tan-negozjar riċeventi għandu jivverifika jekk xiri sfurzat huwiex possibbli skont l-Artikolu 21.
3. Meta xiri sfurzat ma jkunx possibbli skont l-Artikolu 21, il-membri taċ-ċentru tan-negozjar riċeventi għandu jinnotifika lill-membri taċ-ċentru tan-negozjar inadempjenti dwar ir-riżultati tal-verifika u l-ammont ta' kumpens f'kontanti kkalkulat skont l-Artikolu 32. Il-kumpens f'kontanti għandu jitħallas skont l-Artikolu 33(2).
4. Meta xiri sfurzat huwa possibbli, għandu japplika l-Artikolu 29.

#### *Artikolu 29*

#### **Proċedura u notifikati ta' xiri sfurzat**

1. Meta xiri sfurzat ikun possibbli, il-membri taċ-ċentru tan-negozjar riċeventi għandu jaħtar aġent tax-xiri sfurzat fil-jum ta' negozju wara l-iskadenza tal-perjodu ta' estensjoni u jinnotifika lill-membri taċ-ċentru tan-negozjar inadempjenti dwar dan.

2. Malli jirċievi n-notifika msemija fl-ewwel paragrafu, il-membru taċ-ċentru tan-negozjar inadempjenti għandu jiżgura li kwalunkwe struzzjoni ta' saldu rilevanti relatata mal-falliment tas-saldu tiġi posposta.

3. Malli jirċievi n-notifika msemija fl-ewwel paragrafu, il-membru taċ-ċentru tan-negozjar inadempjenti jista' jwassal l-istrumenti finanzjarji biss lill-aġent tax-xiri sfurzat fejn l-aġent tax-xiri sfurzat jagħti l-kunsens minn qabel.

Qabel ma jirċievi n-notifika msemija fl-ewwel paragrafu, il-membru taċ-ċentru tan-negozjar inadempjenti jista' jibqa' jwassal l-istrumenti finanzjarji direttament lill-membru taċ-ċentru tan-negozjar riċeventi.

4. Il-membru taċ-ċentru tan-negozjar riċeventi għandu jinnotifika r-riżultati tax-xiri sfurzat lill-membru taċ-ċentru tan-negozjar inadempjenti u lis-CSD rilevanti sa mhux aktar tard mill-aħħar jum ta' negozju tal-perjodu stabbilit skont l-Artikolu 37.

5. Meta x-xiri sfurzat jirnexxi parzjalment jew kollu, in-notifika msemija fir-raba' paragrafu għandha tinkludi l-kwantità u l-prezz tal-istrumenti finanzjarji mixtrija.

6. Meta x-xiri sfurzat ifalli parzjalment jew kollu, in-notifika msemija fir-raba' paragrafu għandha tinkludi l-ammont tal-kumpens f'kontanti kkalkulat skont l-Artikolu 32 sakemm dik in-notifika ma tispeċifikax li l-eżekuzzjoni tax-xiri sfurzat hija differita.

7. Meta l-eżekuzzjoni ta' xiri sfurzat tiġi differita, il-membru taċ-ċentru tan-negozjar riċeventi għandu jinnotifika r-riżultati tax-xiri sfurzat differit lill-membru taċ-ċentru tan-negozjar inadempjenti u lis-CSD rilevanti sa mhux aktar tard mill-aħħar jum ta' negozju tal-perjodu differit imsemmi fl-Artikolu 38.

8. Meta x-xiri sfurzat imsemmi fis-seba' paragrafu jirnexxi parzjalment jew kollu, in-notifika msemija f'dak il-paragrafu għandha tinkludi l-kwantità u l-prezz tal-istrumenti finanzjarji mixtrija.

9. Meta x-xiri sfurzat imsemmi fis-seba' paragrafu jfalli parzjalment jew kollu, in-notifika msemija f'dak il-paragrafu għandha tinkludi l-ammont tal-kumpens f'kontanti kkalkulat skont l-Artikolu 32.

10. Il-membru taċ-ċentru tan-negozjar riċeventi għandu jaċċetta l-istrumenti finanzjarji mixtrija u msemija fil-paragrafi 5 u 8 u jħallas għalihom.

11. Il-membri taċ-ċentru tan-negozjar riċeventi u inadempjenti għandhom jiżguraw li dan li ġej jitwettagħ fl-aħħar ta' kull jum ta' negozju li fih il-membru taċ-ċentru tan-negozjar riċeventi jirċievi l-istrumenti msemija fil-paragrafi 5 u 8:

(a) l-istruzzjonijiet ta' saldu relatati mal-falliment tas-saldu jitħassru;

(b) jiddaħħlu struzzjonijiet ta' saldu ġodda fis-sistema ta' saldu tat-titoli għal kwalunkwe strument finanzjarju mhux ikkonsenjat u s-CSD jirċievi l-informazzjoni meħtieġa sabiex jidentifika dawn l-istruzzjonijiet ta' saldu ġodda kif xieraq.

12. Il-membru taċ-ċentru tan-negozjar inadempjenti għandu jħallas il-kumpens f'kontanti msemmi fil-paragrafi 6 u 9 skont l-Artikolu 33(2).

13. Il-membri taċ-ċentru tan-negozjar inadempjenti u riċeventi għandhom jiżguraw li l-istruzzjonijiet ta' saldu rilevanti relatati mal-falliment tas-saldu jitħassru mal-ħlas tal-kumpens f'kontanti msemmi fil-paragrafi 6 u 9 jew, sa mhux aktar tard mit-tieni jum ta' negozju wara n-notifika tal-ammont ta' kumpens f'kontanti.

#### Subtaqsima 4

### **Il-proċess ta' xiri sfurzat għat-tranżazzjonijiet mhux ikklerjati minn CCP u mhux eżegwiti f'ċentru tan-negozjar**

#### Artikolu 30

#### **Verifika inizjali**

1. Għat-tranżazzjonijiet mhux ikklerjati minn CCP u mhux eżegwiti f'ċentru tan-negozjar, il-parteċipanti riċeventi, permezz tal-klijenti tagħhom, għandhom jinformaw lill-partijiet għan-negozju riċeventi rigward kwalunkwe falliment tas-saldu mill-aktar fis possibbli.

2. Fil-jum ta' negozju wara li jiskadi l-perjodu ta' estensjoni, il-partijiet għan-negozju riċeventi għandhom jivverifikaw jekk xiri sfurzat huwiex possibbli skont l-Artikolu 21.

3. Meta xiri sfurzat ma jkunx possibbli skont l-Artikolu 21, il-partijiet għan-negozju riċevanti għandhom jinnotifikaw lill-parti għan-negozju inadempjenti dwar ir-riżultati tal-verifika u l-ammont ta' kumpens f'kontanti kkalkulat skont l-Artikolu 32. Il-kumpens f'kontanti għandu jitħallas skont l-Artikolu 33(2).

4. Meta xiri sfurzat huwa possibbli, għandu japplika l-Artikolu 31.

#### Artikolu 31

#### Proċedura u notifiċi ta' xiri sfurzat

1. Meta xiri sfurzat ikun possibbli, il-parti għan-negozju riċevanti għandha taħtar aġent tax-xiri sfurzat fil-jum ta' negozju wara l-iskadenza tal-perjodu ta' estensjoni u tinnotifika lill-parti għan-negozju inadempjenti dwar dan.

2. Malli tirċievi n-notifika msemija fl-ewwel paragrafu, il-parti għan-negozju inadempjenti għandha tiżgura li kwalunkwe struzzjoni ta' saldu rilevanti relatata mal-falliment tas-saldu tiġi posposta,

3. Malli tirċievi n-notifika msemija fl-ewwel paragrafu, il-parti għan-negozju inadempjenti tista' twassal l-istrumenti finanzjarji biss lill-aġent tax-xiri sfurzat meta l-aġent tax-xiri sfurzat jagħti kunsens minn qabel.

Qabel ma tirċievi n-notifika msemija fl-ewwel paragrafu, il-parti għan-negozju inadempjenti tista' tibqa' twassal l-istrumenti finanzjarji direttament lill-parti għan-negozju riċevanti.

4. Il-parti għan-negozju riċevanti għandha tinnotifika r-riżultati tax-xiri sfurzat lill-parti għan-negozju inadempjenti sa mhux aktar tard mill-aħħar jum ta' negozju tal-perjodu applikabbli stabbilit skont l-Artikolu 37. Il-parti għan-negozju riċevanti għandha tiżgura li s-CSD rilevanti jirċievi l-informazzjoni notifikata mill-aktar fis possibbli.

5. Meta x-xiri sfurzat jirnexxi parzjalment jew kollu, in-notifika msemija fir-raba' paragrafu għandha tinkludi l-kwantità u l-prezz tal-istrumenti finanzjarji mixtrija.

6. Meta x-xiri sfurzat ifalli parzjalment jew kollu, in-notifika msemija fir-raba' paragrafu għandha tinkludi l-ammont tal-kumpens f'kontanti kkalkulat skont l-Artikolu 32 sakemm dik in-notifika ma tispeċifikax li l-eżekuzzjoni tax-xiri sfurzat hija differita.

7. Meta l-eżekuzzjoni ta' xiri sfurzat tiġi differita, il-parti għan-negozju riċevanti għandha tinnotifika r-riżultati ta' dak ix-xiri sfurzat differit lill-parti għan-negozju inadempjenti sa mhux aktar tard mill-aħħar jum ta' negozju tal-perjodu differit imsemmi fl-Artikolu 38. Il-parti għan-negozju riċevanti għandha tiżgura li s-CSD rilevanti jirċievi l-informazzjoni notifikata mill-aktar fis possibbli.

8. Meta x-xiri sfurzat imsemmi fis-seba' paragrafu jirnexxi parzjalment jew kollu, in-notifika msemija f'dak il-paragrafu għandha tinkludi l-kwantità u l-prezz tal-istrumenti finanzjarji mixtrija.

9. Meta x-xiri sfurzat imsemmi fis-seba' paragrafu jfalli parzjalment jew kollu, in-notifika msemija f'dak il-paragrafu għandha tinkludi l-ammont tal-kumpens f'kontanti kkalkulat skont l-Artikolu 32.

10. Il-parti għan-negozju riċevanti għandha taċċetta l-istrumenti finanzjarji mixtrija u msemija fil-paragrafi 5 u 8 u tħallas għalihom.

11. Il-partijiet għan-negozju riċevanti u inadempjenti għandhom jiżguraw li dan li ġej jitwettaq fl-aħħar ta' kull jum ta' negozju li fih il-parti għan-negozju riċevanti tirċievi l-istrumenti msemija fil-paragrafi 5 u 8:

(a) l-istruzzjonijiet ta' saldu relatati mal-falliment tas-saldu jitħassru;

(b) jiddaħħlu struzzjonijiet ta' saldu ġodda fis-sistema ta' saldu tat-titoli għal kwalunkwe strument finanzjarju mhux ikkonsenjat u s-CSD jirċievi l-informazzjoni meħtieġa sabiex jidentifika dawn l-istruzzjonijiet ta' saldu ġodda kif xieraq.

12. Il-parti għan-negozju inadempjenti għandha tħallas il-kumpens f'kontanti msemmi fil-paragrafi 6 u 9 skont l-Artikolu 33(3).

13. Il-partijiet għan-negozju inadempjenti u riċeventi għandhom jiżguraw li l-istruzzjonijiet ta' saldu rilevanti relatati mal-falliment tas-saldu jitħassru mal-ħlas tal-kumpens f'kontanti msemmi fil-paragrafi 6 u 9 jew, sa mhux aktar tard mit-tieni jum ta' negozju wara n-notifika tal-ammont ta' dak il-kumpens f'kontanti.

#### Subtaqsima 5

### **Il-kalkolu u l-ħlas tal-kumpens f'kontanti, tal-ispejjeż tax-xiri sfurzati u d-differenza fil-prezz relatata**

#### Artikolu 32

### **Il-kalkolu tal-kumpens f'kontanti**

1. Il-kumpens f'kontanti li għandu jitħallas skont l-Artikolu 7(7) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, għandu jkun ikkalkulat fi xi wieheċ mill-modi li ġejjin:

- (a) għall-istruzzjonijiet ta' saldu bi ħlas, id-differenza bejn il-valur tas-suq tal-istrumenti finanzjarji rilevanti fil-jum ta' negozju ta' qabel il-ħlas tal-kumpens f'kontanti u l-ammont tas-saldu inkluż fl-istruzzjoni tas-saldu falluta meta dak l-ammont tas-saldu jkun aktar baxx mill-valur tas-suq;
- (b) għall-istruzzjonijiet ta' saldu mingħajr ħlas, id-differenza bejn il-valur tas-suq tal-istrumenti finanzjarji rilevanti fil-jum ta' negozju ta' qabel il-ħlas tal-kumpens f'kontanti u l-valur tas-suq ta' daww l-istrumenti finanzjarji fil-jum tan-negozjar tagħhom, meta l-valur tas-suq ta' daww l-istrumenti finanzjarji fil-jum tan-negozjar tagħhom ikun aktar baxx fil-jum ta' negozju ta' qabel il-ħlas tal-kumpens f'kontanti.

2. Meta ma jkunx diġà inkluż fil-valur tas-suq tal-istrument finanzjarju, il-kumpens f'kontanti li għandu jitħallas skont l-Artikolu 7(7) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 għandu jinkludi komponent li jirrifletti l-varjazzjoni fir-rati tal-kambju, kif ukoll intitolamenti korporattivi u l-imgħax akkumulat.

3. Il-valur tas-suq imsemmi fl-ewwel paragrafu għandu jiġi ddeterminat kif ġej:

- (a) għal strumenti finanzjarji msemmija fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(1)</sup> ammessi għan-negozjar f'ċentru tan-negozjar fl-Unjoni, il-valur determinat skont il-prezz tal-għeluq tal-aktar suq rilevanti f'termini ta' likwidità msemmi fl-Artikolu 4(6)(b) ta' dak ir-Regolament;
- (b) għal strumenti finanzjarji ammessi għan-negozjar f'ċentru tan-negozjar fl-Unjoni, għajr daww imsemmija fil-punt (a), il-valur iddeterminat fuq il-bażi tal-prezzijiet tal-għeluq ta' ċentru tan-negozjar fl-Unjoni bl-ogħla fatturat;
- (c) għal strumenti finanzjarji għajr daww imsemmija fil-punti (a) u (b), il-valur determinat fuq il-bażi ta' prezz ikkalkulat bl-użu ta' metodoloġija predeterminata, approvata mill-awtorità kompetenti tas-CSD, li tirreferi għal kriterji relatati ma' data tas-suq, inklużi prezzijiet tas-suq disponibbli fost iċ-ċentri ta' negozjar jew id-ditti tal-investment.

4. Il-valur tas-suq imsemmi fl-ewwel paragrafu u l-komponent li jirrifletti l-varjazzjoni fir-rati tal-kambju, l-intitolamenti korporattivi u l-imgħax akkumulat, imsemmija fit-tieni paragrafu, għandhom ikunu żvelati lill-membri tal-ikklerjar, lill-membri ta' ċentru tan-negozjar u lill-partijiet għan-negozju f'analiżi dettaljata.

#### Artikolu 33

### **Il-ħlas tal-kumpens f'kontanti**

1. Għat-tranżazzjonijiet ikklerjati minn CCP, is-CCP għandha tiġbor il-kumpens f'kontanti mingħand il-membri tal-ikklerjar inadempjenti u tħallas il-kumpens f'kontanti lill-membri tal-ikklerjar riċeventi.

2. Meta t-tranżazzjonijiet ma jkunux ġew ikklerjati minn CCP iżda jkunu ġew eżegwiti f'ċentru tan-negozjar, il-membri ta' ċentru tan-negozjar inadempjenti għandhom iħallsu l-kumpens f'kontanti lill-membri ta' ċentru tan-negozjar riċeventi.

3. Meta t-tranżazzjonijiet ma jkunux ġew ikklerjati minn CCP u lanqas ma jkunu ġew eżegwiti f'ċentru tan-negozjar, il-partijiet għan-negozju inadempjenti għandhom iħallsu l-kumpens f'kontanti lill-partijiet għan-negozju riċeventi.

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 84).

*Artikolu 34***Il-ħlas tal-ispejjeż tax-xiri sfurzat**

L-ammonti msemija fl-Artikolu 7(8) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 għandhom jitħallsu mill-membri tal-ikklerjar inadempjenti, mill-membri taċ-ċentru tan-negozjar inadempjenti jew mill-partijiet għan-negozju inadempjenti, skont il-każ.

*Artikolu 35***Il-ħlas tad-differenza fil-prezz**

1. Meta l-prezz ta' strumenti finanzjarji msemija fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 miftiehem waqt in-negozjar ikun aktar baxx mill-prezz effettivament imħallas għal dawk l-istrumenti finanzjarji skont l-Artikoli 27(10), 29(10), u 31(10), il-membri tal-ikklerjar inadempjenti, il-membri taċ-ċentru tan-negozjar inadempjenti jew il-partijiet għan-negozju inadempjenti għandhom iħallsu d-differenza fil-prezz lis-CCP, lill-membri taċ-ċentru tan-negozjar riċeventi jew lill-partijiet għan-negozju riċeventi, skont il-każ.

Meta t-tranżazzjonijiet jiġu kklerjati minn CCP, id-differenza fil-prezz imsemija fl-ewwel subparagrafu għandha tinġabar mis-CCP mingħand il-membri tal-ikklerjar inadempjenti u mħallsa lill-membri tal-ikklerjar riċeventi.

2. Meta l-prezz tal-ishma miftiehma waqt in-negozjar ikun ogħla mill-prezz effettivament imħallas għal dawk l-ishma skont l-Artikolu 27(10), l-Artikolu 29(10) u l-Artikolu 31(10), id-differenza korrispondenti msemija fl-Artikolu 7(6) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 għandha titqies imħallsa.

*Taqsim 4***L-iskadenzi għall-proċess tax-xiri sfurzat***Artikolu 36***Il-perjodi ta' estensjoni**

Skont il-punt (a) tal-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, il-perjodu tal-estensjoni għall-istrumenti finanzjarji msemija fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 għandu jiżdied minn erbat ijiem ta' xogħol għal mhux aktar minn sebat ijiem ta' xogħol għall-istrumenti finanzjarji kollha minbarra l-ishma li għandhom suq likwidu kif imsemmi fl-Artikolu 2(1)(17)(b) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014.

*Artikolu 37***L-iskadenzi għall-konsenja tal-istrumenti finanzjarji**

Wara l-proċess ta' xiri sfurzat, l-istrumenti finanzjarji msemija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 għandhom jiġu kkonsenjati lill-parteċipanti riċeventi li qed jaġixxu fisem is-CCP, lill-membri tal-ikklerjar, lill-membri taċ-ċentru tan-negozjar riċeventi jew lill-partijiet għan-negozju riċeventi, fl-iskadenzi li ġejjin:

- (a) erbat ijiem ta' xogħol wara l-perjodu ta' estensjoni msemmi fl-Artikolu 36 għall-ishma li għandhom suq likwidu;
- (b) sebat ijiem ta' xogħol wara l-perjodu ta' estensjoni msemmi fl-Artikolu 36 għall-istrumenti finanzjarji minbarra l-ishma li għandhom suq likwidu;
- (c) sebat ijiem ta' xogħol wara l-perjodu ta' estensjoni msemmi fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(3) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 għall-istrumenti finanzjarji nnegozjati fis-swieq tat-tkabbir tal-SMEs;
- (d) il-punt (c) għandu japplika meta l-ishma msemija fil-punt (a) jiġu nnegozjati fis-swieq tat-tkabbir tal-SMEs.

*Artikolu 38***It-tul ta' żmien ta' differiment ta' eżekuzzjoni ta' xiri sfurzat**

Meta s-CCP, il-membri taċ-ċentru tan-negozjar riċeventi jew il-parti għan-negozju riċeventi jiddifferixxu l-eżekuzzjoni ta' xiri sfurzat, it-tul ta' żmien tal-perjodu ta' differiment imsemmi fl-Artikolu 7(7) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 għandu jkun determinat skont l-iskadenzi msemija fl-Artikolu 37.

## Taqsim 5

**Nuqqas sistematiku fit-twassil ta' konsenja**

## Artikolu 39

**Nuqqas konsistenti u sistematiku fit-twassil ta' titoli**

1. Parteċipant għandu jitqies li jonqos li jwettaq konsenja b'mod konsistenti u sistematiku f'sistema ta' saldu tat-titoli, kif imsemmi fl-Artikolu 7(9) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, meta r-rata ta' effiċjenza tas-saldu tiegħu, iddeterminata b'referenza għan-numru jew għall-valur tal-istruzzjonijiet tas-saldu, tkun tal-inqas 15 % inqas mir-rata tal-effiċjenza tas-saldu ta' dik is-sistema ta' saldu tat-titoli, matul mill-inqas għadd rilevanti ta' jiem tul it-12-il xahar preċedenti.

L-għadd rilevanti ta' jiem għandu jkun iddeterminat għal kull parteċipant bħala 10 % tal-għadd ta' jiem ta' attività ta' dak il-parteċipant fis-sistema tas-saldu tat-titoli fit-12-il xahar preċedenti.

2. Meta tiġi kkalkulata r-rata ta' effiċjenza ta' saldu ta' parteċipant, għandha ssir referenza esklussiva għall-fallimenti ta' saldu kkawżati minn dak il-parteċipant.

## Taqsim 6

**Informazzjoni dwar is-saldu**

## Artikolu 40

**Informazzjoni dwar is-saldu għas-CCPs u għaċ-ċentri tan-negozjar**

L-informazzjoni dwar is-saldu msemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(10) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 għandha tinkludi l-identifikazzjoni tat-tranżazzjonijiet rilevanti, tal-parteċipanti u tal-istruzzjonijiet ta' saldu rilevanti. Dik l-informazzjoni għandha tkun ibbażata fuq l-informazzjoni fis-sistema ta' saldu tat-titoli li jħaddem is-CSD.

## Artikolu 41

**Informazzjoni dwar is-saldu fin-nuqqas ta' fluss ta' tranżazzjoni dirett miċ-ċentru tan-negozjar**

Għat-tranżazzjonijiet eżegwiti f'ċentru tan-negozjar li mhumiex ikklijerati minn CCP, u fin-nuqqas ta' fluss ta' tranżazzjoni dirett miċ-ċentru tan-negozjar lis-CSD, il-parteċipanti għandhom jidentifikaw iċ-ċentru tan-negozjar u t-tranżazzjonijiet fl-istruzzjonijiet ta' saldu tagħhom. Fin-nuqqas ta' din l-informazzjoni, is-CSDs għandhom iqisu li t-tranżazzjonijiet ma ġewx eżegwiti f'ċentru tan-negozjar.

## KAPITOLU IV

**Dispożizzjonijiet finali**

## Artikolu 42

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ 24 xahar wara l-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Mejju 2018.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

## ANNEX I

Tabella 1

**Informazzjoni ġenerali dwar il-fallimenti tas-saldu li għandhom jiġu rrapportati mis-CSDs lill-awtoritajiet kompetenti u lill-awtoritajiet rilevanti ta' kull xahar**

Nru	Dettalji li għandhom jiġu rrapportati	Format
1.	Kodiċi tal-pajjiż għall-ġurisdizzjoni li fiha huwa stabbilit is-CSD	Il-kodiċi tal-pajjiżi magħmul minn żewġ karattri skont l-ISO 3166
2.	Sistema ta' saldu tat-titoli mħaddma mis-CSD	Test liberu
3.	Kronogramma tar-rapportar (CSD lill-awtorità kompetenti/lill-awtorità rilevanti)	Id-data skont l-ISO 8601 fil-format tal-ħin tal-UTC SSSS-XX-JJTss:mm:ssZ
4.	Perjodu tar-rapportar: dati tal-bidu u tatiem tal-perjodu kopert mir-rapport	Id-data skont l-ISO 8601 fil-format SSSS-XX-JJ-SSSS-XX-JJ
5.	Identifikatur tal-Entità Ġuridika tas-CSD	Identifikatur tal-Entità Ġuridika (LEI) skont l-ISO 17442, kodiċi b'20 karattru alfanumeriku
6.	L-isem korporattiv tas-CSD	Test liberu
7.	L-isem tal-persuna responsabbli għar-rapport mibgħut mis-CSD	Test liberu
8.	Il-kariga tal-persuna responsabbli għar-rapport mibgħut mis-CSD	Test liberu
9.	In-numru tat-telefon tal-persuna responsabbli għar-rapport mibgħut mis-CSD	Jistgħu jintużaw biss karattri numeriċi. In-numru tat-telefon irid jingħata mal-kodiċi tal-pajjiż u mal-kodiċi taż-żona lokali. Ma jistgħux jintużaw karattri speċjali.
10.	L-indirizz elettroniku tal-persuna responsabbli għar-rapport mibgħut mis-CSD	L-indirizzi elettroniċi iridu jingħataw permezz tal-konvenzjoni standard tal-indirizz elettroniku.
11.	L-għadd ta' struzzjonijiet ta' saldu matul il-perjodu kopert mir-rapport	Sa 20 karattru numeriku rrapportati bħala numri sħaħ mingħajr deċimali.
12.	L-għadd ta' fallimenti ta' saldu matul il-perjodu kopert mir-rapport (li jkopri kemm il-fallimenti tas-saldu għan-nuqqas ta' titoli kif ukoll għan-nuqqas ta' kontanti)	Sa 20 karattru numeriku rrapportati bħala numri sħaħ mingħajr deċimali.
13.	Ir-rata ta' fallimenti tas-saldu bbażata fuq il-volum (l-għadd ta' fallimenti ta' saldu/l-għadd ta' struzzjonijiet ta' saldu matul il-perjodu kopert mir-rapport) (li tkopri kemm il-fallimenti tas-saldu għan-nuqqas ta' titoli kif ukoll għan-nuqqas ta' kontanti)	Valur perċentwali sa żewġ pożizzjonijiet deċimali.



Nru	Dettalji li għandhom jiġu rrapportati	Format	
14.	<p>Ir-rata ta' fallimenti tas-saldu bbażata fuq il-valur (EUR) (il-valur ta' fallimenti ta' saldu/il-valur ta' struzzjonijiet ta' saldu matul il-perjodu kopert mir-rapport)</p> <p>(li tkopri kemm il-fallimenti tas-saldu għan-nuqqas ta' titoli kif ukoll għan-nuqqas ta' kontanti)</p>	Valur perċentwali sa żewġ pożizzjonijiet deċimali.	
15.	Il-valur tal-istruzzjonijiet ta' saldu (EUR) matul il-perjodu kopert mir-rapport	Sa 20 karattru numeriku inklużi d-deċimali. Tal-anqas karattru wieħed qabel u karattru wieħed wara l-marka deċimali għandhom ikunu mimlijin. Il-marka deċimali mhix ikkunsidrata bħala karattru numeriku	
16.	<p>Il-valur tal-fallimenti ta' saldu (EUR) matul il-perjodu kopert mir-rapport</p> <p>(li tkopri kemm il-fallimenti tas-saldu għan-nuqqas ta' titoli kif ukoll għan-nuqqas ta' kontanti)</p>	Sa 20 karattru numeriku inklużi d-deċimali. Tal-anqas karattru wieħed qabel u karattru wieħed wara l-marka deċimali għandhom ikunu mimlijin. Il-marka deċimali mhix ikkunsidrata bħala karattru numeriku	
17.	L-ewwel 10 parteċipanti bl-ogħla rati ta' fallimenti tas-saldu matul il-perjodu kopert mir-rapport (ibbażati fuq l-għadd ta' struzzjonijiet ta' saldu)	Għal kull parteċipant identifikat minn LEI	
		LEI tal-parteċipant	Identifikatur tal-Entità Ġuridika (LEI) skont l-ISO 17442, kodiċi b'20 karattru alfanumeriku
		Numru totali ta' struzzjonijiet ta' saldu għal kull parteċipant	Sa 20 karattru numeriku rrapportati bħala numri sħaħ min-għajr deċimali.
		L-għadd ta' fallimenti ta' saldu għal kull parteċipant	Sa 20 karattru numeriku rrapportati bħala numri sħaħ min-għajr deċimali.
		Perċentwal ta' fallimenti ta' saldu	Valur perċentwali sa żewġ pożizzjonijiet deċimali
		Valur totali (EUR) tal-istruzzjonijiet ta' saldu għal kull parteċipant	Sa 20 karattru numeriku inklużi d-deċimali. Tal-anqas karattru wieħed qabel u karattru wieħed wara l-marka deċimali għandhom ikunu mimlijin. Il-marka deċimali mhix ikkunsidrata bħala karattru numeriku
		Il-valur (EUR) tal-fallimenti ta' saldu għal kull parteċipant	Sa 20 karattru numeriku inklużi d-deċimali. Tal-anqas karattru wieħed qabel u karattru wieħed wara l-marka deċimali għandhom ikunu mimlijin. Il-marka deċimali mhix ikkunsidrata bħala karattru numeriku
Rata ta' fallimenti ta' saldu	Valur perċentwali sa żewġ pożizzjonijiet deċimali.		
18.	L-ewwel 10 parteċipanti bl-ogħla rati ta' fallimenti tas-saldu matul il-perjodu kopert mir-rapport (ibbażati fuq il-valur (EUR) tal-istruzzjonijiet ta' saldu)	Għal kull parteċipant identifikat minn LEI:	
		LEI tal-parteċipant	Identifikatur tal-Entità Ġuridika (LEI) skont l-ISO 17442, kodiċi b'20 karattru alfanumeriku

Nru	Dettalji li għandhom jiġu rrapportati	Format	
		Valur totali (EUR) tal-istruzzjonijiet ta' saldu għal kull parteċipant	Sa 20 karattru numeriku inklużi d-deċimali. Tal-anqas karattru wieħed qabel u karattru wieħed wara l-marka deċimali għandhom ikunu mimlijin. Il-marka deċimali mhix ikkunsidrata bħala karattru numeriku
		Il-valur (EUR) tal-fallimenti ta' saldu għal kull parteċipant	Sa 20 karattru numeriku inklużi d-deċimali. Tal-anqas karattru wieħed qabel u karattru wieħed wara l-marka deċimali għandhom ikunu mimlijin. Il-marka deċimali mhix ikkunsidrata bħala karattru numeriku
		Perċentwal ta' fallimenti ta' saldu	Valur perċentwali sa żewġ pożizzjonijiet deċimali
